



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2011/0282(COD)

24.9.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill is-sostenn għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
(COM(2011)0627 – C7-0340/2011 – 2011/0282(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Karin Kadenbach

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Kummenti ġenerali

Din il-proposta għal regolament dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) taħt it-tieni pilastru fiha passi promettenti ħafna biex nindirizzaw l-isfidi ambjentali tal-UE, minħabba li toħloq u ssaħħaħ inċentivi għal agrikoltura aktar sostenibbli. Jeħtieġ li r-regolament il-ġdid iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri strumenti adegwati biex jegħlbu sfidi ekoloġiċi, soċjali u ekonomiċi. Bosta mill-miżuri proposti jikkontribwixxu biex jitrażżan it-telf tal-bijodiversità, titwaqqaf l-erożjoni tal-ħamrija u tittejjeb il-kwalità tal-ilma tal-pjan.

Ir-riforma attwali m'għandhiex tisfa opportunità mitlufa biex isiru tibdiliet sostanzjali. Dan ikollu impatt ħażin mhux biss fuq l-ambjent, imma wkoll fuq il-bdiewa u ċ-ċittadini tal-UE. Għaldaqstant, it-tieni pilastru huwa ta' importanza speċjali. Jeħtieġ li l-Istati Membri jingħataw appoġġ biex jiżviluppaw miżuri mfassla sewwa li, b'mod proattiv, jaqdu l-ħtiġijiet tal-komunitajiet rurali.

Il-forniment ta' beni pubbliċi ambjentali

Is-settur agrikolu u ż-żoni rurali jeħtiġilhom iqawwu l-isforzi tagħhom ħalli jilhqqu l-miri tal-politika tal-klima u tal-enerġija u jimplimentaw l-istrateġija dwar il-bjodiversità. Il-bdiewa, li flimkien mal-operaturi tal-forestrija huma l-iktar nies importanti fil-ġestjoni tal-art, se jkun jeħtieġ jingħatalhom appoġġ f'dan ir-rigward, għax il-prezzijiet tas-suq ma jirriflettux il-forniment ta' dawn il-beni pubbliċi.

Livell minimu ta' nfiq għall-ambjent

Jeħtieġ li jsir obligatorju livell minimu ta' nfiq għal miżuri ambjentali fiż-żoni rurali, inklużi miżuri agrikoli, ambjentali u klimatiċi, miżuri ta' Natura 2000, kif ukoll pjanijiet għall-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-ilma u l-agrikoltura ekoloġika. Jeħtieġ b'urġenza li, fil-programmi tal-UE għall-iżvilupp rurali, jiġu pprijoritizzati l-miżuri dwar ir-riżorsi naturali, kif ukoll il-miżuri relatati dwar l-agrikoltura ekoloġika u l-miżuri ambjentali speċifiċi. Fuq tul ta' żmien, dan il-livell minimu ta' nfiq ikun siewi għaċ-ċittadini kollha tal-UE u għas-soċjetà ġenerali.

Agrikoltura organika u "agrikoltura ta' valur naturali għoli" (HNVF)

L-agrikoltura organika u l-agrikoltura ta' valur naturali għoli (high nature value farming, HNMF) irnaxxew b'mod speċjali fir-rigward tas-sostenibbiltà, u għalhekk għandhom jiġu promossi fil-programmi diversi permezz ta' taħlita ta' miżuri. L-agrikoltura organika, pereżempju, uriet li tista' ggħib magħha sew effetti ekoloġiċi pożittivi kif ukoll stabbiltà ekonomika, bil-ħarsien u t-titjib tal-bijodiversità, il-kwalità tal-ħamrija u tal-ilma, il-protezzjoni tal-klima u l-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi naturali. B'mod partikolari, l-appoġġ għall-agrikoltura ekoloġika jista' joħloq impjiegi, beni pubbliċi, kif ukoll id-disponibbiltà ta' oġġetti tal-ikel ta' kwalità għolja.

L-ebda finanzjament tal-ġestjoni tar-riskji bi spejjeż tas-sostenibbiltà

L-għan tat-tieni pilastru huwa l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali. Dan il-pilastru għandu jikkontribwixxi għal “settur agrikolu tal-Unjoni li jkun innovattiv, iżjed bilanċjat mil-lat territorjali u ambjentali, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u li jkun reżiljenti rigward din tal-aħħar”. Dan il-għan mhuwiex kompatibbli ma’ miżuri għall-finanzjament tal-ġestjoni tar-riskji. L-istabbilizzazzjoni tad-dħul hija diġà rregolata taħt l-ewwel pilastru, u għalhekk m’hemm l-ebda bżonn li tkun ankrata addizzjonalment fit-tieni pilastru. Jekk għandu jkun hemm miżuri speċjali għall-ġestjoni tar-riskji, dawn għandhom ikunu stabbiliti fl-ewwel pilastru. Huwa kbir wisq il-periklu li finanzjament importanti għall-ambjent u l-iżvilupp jispiċċa jiskula fis-settur tal-assigurazzjoni.

Promozzjoni tal-iżvilupp rurali mhux fl-agrikoltura biss

Huwa ta’ importanza partikolari li fiż-żoni rurali jiġu żviluppati l-infrastruttura lokali u l-forniment ta’ servizzi lokali, biex jitrażżnu x-xejriet ta’ migrazzjoni ‘l barra minn dawn iż-żoni. Dan għandu jinkludi l-iżvilupp ta’ ċentri tas-saħħa u ta’ faċilitajiet preventivi li jistgħu jtejbju l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa fil-livell reġjonali. Bi qbil mal-“Istrateġija Ewropa 2020”, dan jipromwovi wkoll il-ħolqien ta’ impjiegi ġodda ta’ kwalità għolja (tobba, spiżjara, infermiera, eċċ.), u b’hekk jagħti spinta lix-xogħol.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali, jeħtieġ li ssir enfasi fuq għadd limitat ta’ prijoritajiet ewlenin relatati mat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura u l-forestrija u ż-żoni rurali, il-kompetittività tat-tipi kollha tal-agrikoltura u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, l-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel fl-agrikoltura **u l-immaniġġjar tar-riskji fl-agrikoltura**, ir-ristawr, il-preservazzjoni u t-tiġid tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u t-

Emenda

(5) Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali, jeħtieġ li ssir enfasi fuq għadd limitat ta’ prijoritajiet ewlenin relatati mat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura u l-forestrija u ż-żoni rurali, il-kompetittività tat-tipi kollha tal-agrikoltura u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, l-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel fl-agrikoltura, ir-ristawr, il-preservazzjoni u t-tiġid tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u t-tranżizzjoni għal ekonomija b’livell baxx ta’

tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-setturi tal-agrikoltura u tal-ikel u tal-forestrija, u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni rurali. F'dan il-proċess għandha tkun ikkunsidrata d-diversità ta' sitwazzjonijiet li jaffettwaw iż-żoni rurali b'karatteristiċi differenti jew kategoriji differenti ta' benefiċjarji potenzjali u l-objettivi trasversali tal-innovazzjoni, l-ambjent, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-azzjoni ta' mitigazzjoni għandha tkun relatata kemm mal-limitazzjoni tal-emissjonijiet fl-agrikoltura u l-forestrija mill-attivitajiet ewlenin bħall-produzzjoni tal-bhejjem, l-użu ta' fertilizzanti u l-preservazzjoni ta' bjar tal-karbonju u t-tiġid tal-ġbir tal-karbonju fir-rigward tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija. Il-prijorità tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali marbuta mat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali għandha tapplika orizzontalment b'rabta mal-prijoritajiet l-oħra tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

emissjonijiet ta' karbonju fis-setturi tal-agrikoltura u tal-ikel u tal-forestrija, u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni rurali. F'dan il-proċess għandha tkun ikkunsidrata d-diversità ta' sitwazzjonijiet li jaffettwaw iż-żoni rurali b'karatteristiċi differenti jew kategoriji differenti ta' benefiċjarji potenzjali u l-objettivi trasversali tal-innovazzjoni, l-ambjent, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-azzjoni ta' mitigazzjoni għandha tkun relatata kemm mal-limitazzjoni tal-emissjonijiet fl-agrikoltura u l-forestrija mill-attivitajiet ewlenin bħall-produzzjoni tal-bhejjem, l-użu ta' fertilizzanti u l-preservazzjoni ta' bjar tal-karbonju u t-tiġid tal-ġbir tal-karbonju fir-rigward tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija. Il-prijorità tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali marbuta mat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali għandha tapplika orizzontalment b'rabta mal-prijoritajiet l-oħra tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

Ġustifikazzjoni

L-objettiv tal-Pilastru 2 huwa li jagħti sostenn lill-bdiewa u jinċentivahom biex iqawwu r-reżiljenza ambjentali u soċjali tal-istabbilimenti u tal-komunitajiet tagħhom. Għaldaqstant ikun f'loku li jiddaħħlu miżuri tal-ġestjoni tar-riskji.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali għandhom ikunu segwiti fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni tal-Unjoni tal-għan tal-ħarsien u t-titjib tal-ambjent kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 19 tat-Trattat, b'kunsiderazzjoni għall-prinċipju

Emenda

(6) Il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali għandhom ikunu segwiti fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni tal-Unjoni tal-għan tal-ħarsien u t-titjib tal-ambjent kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 19 tat-Trattat, b'kunsiderazzjoni għall-prinċipju

ta' min iħammeġ iħallas. *L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ għall-objettivi* dwar *it-tibdil tal-klima f'konformità mal-ambizzjoni li mill-inqas 20 % tal-baġit tal-Unjoni jkun iddedikat għal dan l-għan, permezz tal-użu ta' metodoloġija* adottata *mill-Kummissjoni*.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- *(7a) Attivitàjiet koperti b'dan ir-Regolament għandhom jirfdu, u mhux jidduplikaw, il-miżuri disponibbli bi strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.*

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) Sabiex jiġu żgurati l-bidu immedjat u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-programmi għall-iżvilupp rurali, l-appoġġ mill-FAEŻR għandu jkun ibbażat fuq l-eżistenza ta' kundizzjonijiet ta' qafas amministrattivi tajjeb. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonalitajiet ex ante. Kull Stat Membru għandu jipprepara jew programm nazzjonali għall-iżvilupp rurali għat-territorju kollu tiegħu jew sett ta' programmi reġjonali. Kull programm għandu jidentifika strateġija li tilħaq il-miri b'rabta mal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali u għażla ta' miżuri. L-iprogrammar għandu jikkonforma mal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, filwaqt li jkun adattat għal kundestri

(8) Sabiex jiġu żgurati l-bidu immedjat u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-programmi għall-iżvilupp rurali, l-appoġġ mill-FAEŻR għandu jkun ibbażat fuq l-eżistenza ta' kundizzjonijiet ta' qafas amministrattivi tajjeb. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonalitajiet ex ante. Kull Stat Membru għandu jipprepara jew programm nazzjonali għall-iżvilupp rurali għat-territorju kollu tiegħu jew sett ta' programmi reġjonali, *filwaqt li jikkunsidra, inter alia, is-sitwazzjoni ambjentali speċifika tagħhom*. Kull programm għandu jidentifika strateġija li tilħaq il-miri b'rabta mal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali u għażla ta' miżuri. L-iprogrammar għandu

nazzjonali u jikkumplimenta l-politiki l-oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politika tas-suq agrikolu, il-politika ta' koeżjoni u l-politika komuni tas-sajd. L-Istati Membri li jagħżlu sett ta' programmi reġjonali għandhom ikunu kapaċi li jħejju wkoll qafas nazzjonali, mingħajr allokazżjoni baġitarja separata, sabiex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni fost ir-reġjuni biex jindirizzaw l-isfidi nazzjonali.

jikkonforma mal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, filwaqt li jkun adattat għal kuntesti nazzjonali u jikkumplimenta l-politiki l-oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politika tas-suq agrikolu, il-politika ta' koeżjoni u l-politika komuni tas-sajd. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw ukoll li l-programmi nazzjonali jew reġjonali tagħhom ikunu koerenti ma' programmi nazzjonali oħra, bħalma huma l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli u l-programmi nazzjonali tal-foresti. L-Istati Membri*** li jagħżlu sett ta' programmi reġjonali għandhom ikunu kapaċi li jħejju wkoll qafas nazzjonali, mingħajr allokazżjoni baġitarja separata, sabiex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni fost ir-reġjuni biex jindirizzaw l-isfidi nazzjonali.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jinkludu fil-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom sottoprogrammi tematiċi li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi f'żoni ta' importanza partikolari għalihom. Is-sottoprogrammi tematiċi għandhom jikkonċernaw fost affarijiet oħra l-bdiewa żgħażaġh, l-azjendi agrikoli żgħar, iż-żoni bil-muntanji u l-ħolqien ta' ktajjen tal-provvista qosra. Għandhom jintużaw ukoll sottoprogrammi tematiċi li jipprovdu għall-possibbiltà li jiġi indirizzat ir-ristrutturar tas-setturi agrikoli li għandhom impatt qawwi fuq l-iżvilupp taż-żoni rurali. Bħala mezz biex jiżdied l-intervent effiċjenti ta' tali sottoprogrammi tematiċi, l-Istati Membri għandhom jitħallew jipprovdu għal rati ta' appoġġ oġhla għal ċerti operazzjonijiet koperti minnhom.

Emenda

(9) L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jinkludu fil-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom sottoprogrammi tematiċi li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi f'żoni ta' importanza partikolari għalihom. Is-sottoprogrammi tematiċi għandhom jikkonċernaw fost affarijiet oħra l-bdiewa żgħażaġh, l-azjendi agrikoli żgħar, ***l-azjendi agrikoli b'Valur Naturali Għoli, iż-żoni bil-muntanji u l-ħolqien ta' ktajjen tal-provvista qosra u l-iffaċċjar tal-isfidi ambjentali.*** Għandhom jintużaw ukoll sottoprogrammi tematiċi li jipprovdu għall-possibbiltà li jiġi indirizzat ir-ristrutturar tas-setturi agrikoli li għandhom impatt qawwi fuq l-iżvilupp taż-żoni rurali ***mingħajr ma jiġu kkawżati effetti soċjali u ambjentali negattivi.*** Bħala mezz biex jiżdied l-intervent effiċjenti ta' tali sottoprogrammi tematiċi, l-Istati Membri

għandhom jitħallew jipprovdu għal rati ta' appoġġ oġhla għal ċerti operazzjonijiet koperti minnhom.

Ġustifikazzjoni

Iż-żamma tal-biedja b'Valur Naturali Għoli (VNGħ) hija objettiv tal-UE, kondiviż mill-politiki tal-iżvilupp rurali u tal-bijodiversità. Imma jekk kemm-il darba se tinżamm il-biedja b'VNGħ, allura jinħtieġ approċċ ġdid. It-tir għandu jkun li titwaqqaf strateġija konsistenti u effikaċi għaż-żamma tal-biedja b'VNGħ fl-UE kollha kemm hi. L-isfidi marbutin mal-VNGħ mhumiex biss l-ambjent, imma li dawn is-sistemi ta' biedja huma vulnerabbli ħafna kemm mill-lat ekonomiku kemm minn dak soċjali. Jekk nistgħu nsibu sostenn tajjeb għall-VNGħ, inkunu f'qagħda li nsalvaw lil bosta bdiewa u ma jżarmawx l-attività ekonomika tagħha filwaqt li jinżammu bosta aktar nies fiż-żoni rurali.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Is-settur agrikolu hu suġġett għal ħsara fil-potenzjal produttiv tiegħu iżjed minn setturi oħra minħabba d-diżastri naturali. Sabiex tingħata għajjnuna għall-vijabbiltà u l-kompettitività tal-biedja fid-dawl ta' dawn id-diżastri, għandu jingħata appoġġ lill-bdiewa biex jiġu meġġuna jirkupraw il-potenzjal agrikolu li tkun saritlu l-ħsara. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li ma jkunx hemm kumpens żejjed tal-ħsara mġarrba, minħabba l-kombinazzjoni ta' skemi ta' kumpens tal-Unjoni (***b'mod partikolari l-miżura tal-immaniġġjar tar-riskji***), nazzjonali u privati. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-ispejjeż eliġibbli taħt din il-miżura.

Emenda

(20) Is-settur agrikolu hu suġġett għal ħsara fil-potenzjal produttiv tiegħu iżjed minn setturi oħra minħabba d-diżastri naturali. Sabiex tingħata għajjnuna għall-vijabbiltà u l-kompettitività tal-biedja fid-dawl ta' dawn id-diżastri, għandu jingħata appoġġ lill-bdiewa biex jiġu meġġuna jirkupraw il-potenzjal agrikolu li tkun saritlu l-ħsara. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li ma jkunx hemm kumpens żejjed tal-ħsara mġarrba, minħabba l-kombinazzjoni ta' skemi ta' kumpens tal-Unjoni, nazzjonali u privati. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-ispejjeż eliġibbli taħt din il-miżura.

Ġustifikazzjoni

L-objettiv tal-Pilastru 2 huwa li jagħti sostenn lill-bdiewa u jinċentivahom biex iqawwu r-reżiljenza ambjentali u soċjali tal-istabbilimenti u tal-komunitajiet tagħhom. Għaldaqstant

ikun f'loku li jiddaħħlu miżuri tal-ġestjoni tar-riskji.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Jeħtieġ li tkun żgurata integrazzjoni tajba mal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija sostenibbli, l-ewwel nett permezz tal-istandards ta' sostenibbiltà għall-produzzjoni tal-bijomassa minn attivitajiet agrikoli u forestali, kif ukoll it-tkattir tal-effiċjenza enerġetka u tal-użu tal-enerġija rinnovabbli fl-agrikoltura.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) Bl-iskop li tkun ippreservata u mtejba l-bijodiversità fiż-żoni rurali, jinħtieġ li l-iżvilupp rurali jikkontribwixxi għall-implementazzjoni xierqa tan-netwerk Natura 2000 billi jsiru għodod speċifiċi għat-tifsil ta' politiki ta' ġestjoni u għall-implementazzjoni tal-proġetti, inkluża l-infrastruttura speċifika (investimenti mhux-produttivi).

Ġustifikazzjoni

Huwa fundamentali għall-iżvilupp tal-bijodiversità f'żoni rurali li l-iżvilupp rurali jikkontribwixxi għall-implementazzjoni sħiħa tan-netwerk Natura 2000 u li l-RDR jieħu responsabilità għal sehem fin-netwerk. Il-ħtieġa għall-koordinazzjoni mal-programmi strutturali (FEŻR, FK) u LIFE ħalli jkun żgurat li jkollhom rwoli komplementari u li l-ħtiġiet kollha ta' Natura 2000 jittieħed ħsieb tagħhom.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Il-forestrija hija parti integrali mill-iżvilupp rurali, u l-appoġġ għal użu tal-art sostenibbli u li ma jagħmilx ħsara lill-klima għandu jinkludi l-iżvilupp taż-żoni tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Matul il-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013, varjetà ta' miżuri koprew diversi tipi ta' appoġġ għal investimenti fil-forestrija u għall-ġestjoni tagħha. Fl-interess tas-simplifikazzjoni iżda wkoll biex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jfasslu u jwettqu proġetti integrati b'iżjed valur miżjud, għandu jkun hemm miżura waħda li tkopri t-tipi kollha ta' appoġġ għall-investment u l-ġestjoni b'rabta mal-forestrija. Il-miżura għandha tkopri l-estensjoni u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, permezz tal-afforestazzjoni tal-art u l-ħolqien ta' sistemi agroforestali li jikkombinaw agrikoltura estensiva ma' sistemi ta' forestrija, l- tal-foresti li tkun saritilhom ħsara minn nirien jew diżastri naturali oħra u miżuri ta' prevenzjoni rilevanti, l-investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-forestrija u fl-iproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija mmirati biex itejbu l-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tad-detenturi tal-foresti u investimenti mingħajr qligħ li jtejbu r-reżistenza għat-tibdil fil-klima u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti. L-appoġġ għandu jevita d-distorsjoni tal-kompetizzjoni **u** jkun newtrali f'termini tas-suq. B'konsegwenza ta' dan, għandhom jiġu imposti limitazzjonijiet relatati mad-daqs u l-istatus legali tal-benefiċjarji. L-azzjonijiet preventivi kontra n-nirien għandhom ikunu f'żoni kklassifikati mill-Istati Membri bħala ta' riskju medju jew għoli. L-azzjonijiet preventivi kollha għandhom ikunu parti minn **pjan** ta' protezzjoni tal-foresti. L-okkorrenza ta' diżastru naturali fil-każ ta' azzjoni għall-

Emenda

(25) Il-forestrija hija parti integrali mill-iżvilupp rurali, u l-appoġġ għal użu tal-art sostenibbli u li ma jagħmilx ħsara lill-klima għandu jinkludi l-iżvilupp taż-żoni tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Matul il-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013, varjetà ta' miżuri koprew diversi tipi ta' appoġġ għal investimenti fil-forestrija u għall-ġestjoni tagħha. Fl-interess tas-simplifikazzjoni iżda wkoll biex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jfasslu u jwettqu proġetti integrati b'iżjed valur miżjud, għandu jkun hemm miżura waħda li tkopri t-tipi kollha ta' appoġġ għall-investment u l-ġestjoni b'rabta mal-forestrija. Il-miżura għandha tkopri l-estensjoni u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, permezz tal-afforestazzjoni tal-art u l-ħolqien ta' sistemi agroforestali li jikkombinaw agrikoltura estensiva ma' sistemi ta' forestrija, l- tal-foresti li tkun saritilhom ħsara minn nirien jew diżastri naturali oħra u miżuri ta' prevenzjoni rilevanti, l-investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-forestrija u fl-iproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija mmirati biex itejbu l-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tad-detenturi tal-foresti u **ta' dawk li jaħdmu fil-foresti** u investimenti mingħajr qligħ li jtejbu r-reżistenza għat-tibdil fil-klima u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti. L-appoġġ għandu jevita d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u jkun newtrali f'termini tas-suq u koerenti ma' objettivi ambjentali. **Il-pjani għall-ġestjoni tal-foresti, inklużi l-asperti tal-biodiversità, għandhom jiġu applikati għall-foresti kollha li jirċievu finanzjarment bil-programmi għall-iżvilupp rurali.** B'konsegwenza ta' dan, għandhom jiġu imposti limitazzjonijiet relatati mad-daqs u l-istatus legali tal-benefiċjarji **għall-produzzjoni tal-prodotti**

tal-potenzjal ta' foresta li tkun ġarrbet ħsara għandha tkun suġġetta għal rikonossiment formali minn organizzazzjoni pubblika xjentifika. Il-miżura b'rabta mal-forestrija għandha tiġi adottata fid-dawl tal-impenji tal-Unjoni u l-Istati Membri f'livell internazzjonali, u għandha tkun ibbażata fuq il-pjanijiet nazzjonali jew sottonazzjonali tal-Istati Membri relatati mal-foresti jew fuq strumenti ekwivalenti li għandhom jikkunsidraw l-impenji magħmula fil-Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. Hija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Foresti. Sabiex jiġi żgurat li l-afforestazzjoni tal-art agrikola hija konformi mal-għanijiet tal-politika dwar l-ambjent, is-setgħa li jkunu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni ta' ċerti rekwiżiti ambjentali minimi.

forestali tal-injam, imma mhux għall-prodotti forestali li mhumiex tal-injam. L-azzjonijiet preventivi kontra n-nirien għandhom ikunu f'żoni kklassifikati mill-Istati Membri bħala ***ta' riskju*** medju jew għoli ***u għandhom imorru lil hinn mit-toroq u l-ġwiebi; għandhom ikunu inklużi l-prattiki tradizzjonali mmodernizzati.*** L-azzjonijiet preventivi kollha għandhom ikunu parti mandatorja minn kull Pjan ta' Ġestjoni tal-foresti skont it-termini tal-Kapitolu tiegħu dwar il-protezzjoni. L-okkorrenza ta' diżastru naturali fil-każ ta' azzjoni għall- tal-potenzjal ta' foresta li tkun ġarrbet ħsara għandha tkun suġġetta għal rikonossiment formali minn organizzazzjoni pubblika xjentifika. Il-miżura b'rabta mal-forestrija għandha tiġi adottata fid-dawl tal-impenji tal-Unjoni u l-Istati Membri f'livell internazzjonali, u għandha tkun ibbażata fuq il-pjanijiet nazzjonali jew sottonazzjonali tal-Istati Membri relatati mal-foresti jew fuq strumenti ekwivalenti li għandhom jikkunsidraw l-impenji magħmula fil-Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. Hija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Foresti. Sabiex jiġi żgurat li l-afforestazzjoni tal-art agrikola hija konformi mal-għanijiet tal-politika dwar l-ambjent, is-setgħa li jkunu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni ta' ċerti rekwiżiti ambjentali minimi.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Il-pagamenti agroambjentali klimatiċi għandhom ikomplu jkollhom irwol

Emenda

(28) Il-pagamenti agroambjentali klimatiċi għandhom ikomplu jkollhom irwol

prominenti fl-appoġġ tal-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali u fir-reazzjoni għad-domanda dejjem tiżdied tas-soċjetà għal servizzi ambjentali. Għandhom jinkoraġġixxu iktar lill-bdiewa u lill-manigġers tal-art biex iservu lis-soċjetà kollha billi jintroduċu jew ikomplu japplikaw prattiki agrikoli li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u li jkunu kompatibbli mal-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, il-pajsaġġ u l-karatteristiċi tiegħu, ir-riżorsi naturali, il-ħamrija u d-diversità ġenetika. F'dan il-kuntest, il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura u l-bżonnijiet addizzjonali tas-sistemi tal-agrikoltura li għandhom valur naturali għoli għandhom jingħataw attenzjoni speċifika. Il-pagamenti għandhom jikkontribwixxu biex ikopru spejjeż addizzjonali u dħul mitluf b'konsegwenza tal-impenn li jkun ittieħed, u għandhom ikopru biss impenji li jmorru lil hinn mill-istandards u r-reqwiżiti obbligatorji rilevanti, skont il-prinċipju ta' "min iħammeġ iħallas". F'ħafna sitwazzjonijiet, is-sinerġiji li jirriżultaw mill-impenji li ttieħdu b'mod konġunt minn grupp ta' bdiewa jimmultiplikaw il-benefiċċju ambjentali u tal-klima. Madankollu, azzjoni konġunta twassal għal spejjeż addizzjonali għat-tranżazzjonijiet li għandhom ikun kkompensati b'mod xieraq. Sabiex ikun żgurat li l-bdiewa u manigġers oħra tal-art huma f'pożizzjoni li jimplimentaw b'mod korrett l-impenji li ħadu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jipprovduhom il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa. L-Istati Membri għandhom iżommu l-livell tal-isforz li għamlu matul il-perjodu ta' programmazzjoni l-2007 u l-2013 u għandhom jonfqu minimu ta' 25 % tal-kontribuzzjoni totali mill-FAEŻR għal kull programm ta' żvilupp rurali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, permezz tal-miżuri agroambjentali klimatiċi, il-biedja organika

prominenti fl-appoġġ tal-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali u fir-reazzjoni għad-domanda dejjem tiżdied tas-soċjetà għal **beni u** servizzi **pubbliċi** ambjentali. Għandhom jinkoraġġixxu iktar lill-bdiewa u lill-manigġers tal-art biex iservu lis-soċjetà kollha billi jintroduċu jew ikomplu japplikaw prattiki agrikoli li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima **marbutin mal-art** u l-adattament għalih u li jkunu kompatibbli mal-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, il-pajsaġġ u l-karatteristiċi tiegħu, ir-riżorsi naturali, il-ħamrija, **il-biodiversità** u d-diversità ġenetika. F'dan il-kuntest, il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura u l-bżonnijiet addizzjonali tas-sistemi tal-agrikoltura li għandhom valur naturali għoli għandhom jingħataw attenzjoni speċifika. Il-pagamenti għandhom jikkontribwixxu biex ikopru spejjeż addizzjonali u dħul mitluf b'konsegwenza tal-impenn li jkun ittieħed, u għandhom ikopru biss impenji li jmorru lil hinn mill-istandards u r-reqwiżiti obbligatorji rilevanti, skont il-prinċipju ta' "min iħammeġ iħallas". F'ħafna sitwazzjonijiet, is-sinerġiji li jirriżultaw mill-impenji li ttieħdu b'mod konġunt minn grupp ta' bdiewa jimmultiplikaw il-benefiċċju ambjentali u tal-klima. Madankollu, azzjoni konġunta twassal għal spejjeż addizzjonali għat-tranżazzjonijiet li għandhom ikun kkompensati b'mod xieraq. Sabiex ikun żgurat li l-bdiewa, **sidien tal-foresti** u manigġers oħra tal-art huma f'pożizzjoni li jimplimentaw b'mod korrett l-impenji li ħadu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jipprovduhom il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa. L-Istati Membri għandhom iżommu l-livell tal-isforz li għamlu matul il-perjodu ta' programmazzjoni l-2007 u l-2013 u għandhom jonfqu minimu ta' 35 % tal-kontribuzzjoni totali mill-FAEŻR għal kull programm ta' żvilupp rurali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, permezz tal-miżuri

u pagamenti għal żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew speċifiċi oħra.

agroambjentali klimatiċi, il-biedja organika u pagamenti għal żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew speċifiċi oħra, pagamenti magħmulin fl-ambitu *tad-Direttiva Natura 2000, tad-Direttiva ta' Qafas għall-Ilma, investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi forestali, servizzi favur l-ambjent forestali u l-klima, u l-konservazzjoni forestali.*

Għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-tranżizzjoni bejn l-impenji favur l-agroambjent u l-klima, ta' bħalissa u tal-ġejjieni, li jimpenjaw ruħhom bihom il-bdiewa u l-ġesturi tal-art, billi titqies il-bidla fix-xenarju ta' referenza.

Ġustifikazzjoni

Bħalissa hemm ġa dispożizzjoni mandatorja li għandu jkun hemm mill-anqas 25 % f'infiq. Għalhekk hu importanti li jiżdied l-infiq minimu minn 25 % għal 35 %. Ix-xenarju ta' referenza hu l-“bażi” fil-liġi li minnha tista' tibda tikkalkola l-pagamenti tiegħek fit-tieni pilastru. Għalhekk hu importanti li tiegħu miżuri fit-tieni pilastru li jmorru lil hinn kemm mill-kondizzjonalità kif ukoll minn dak rikjest fil-greening (l-evitar ta' pagamenti doppji). Appena jsir il-greening, il-baseline tinbidel, u għalhekk huwa importanti li l-impenji favur l-agroambjent u l-klima jmorru lil hinn minn dan ix-xenarju ta' referenza.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(37) Illum il-bdiewa huwa esposti għal riskji ekonomiċi u ambjentali dejjem jiżdiedu bħala konsegwenza għat-tibdil fil-klima u l-volatilità tal-prezzijiet dejjem tiżdied. F'dan il-kuntest, il-ġestjoni effettiva tar-riskji għandha importanza ikbar għall-bdiewa. Għal din ir-raġuni, għandha tiġi stabbilita miżura għall-ġestjoni tar-riskju li tgħin lill-bdiewa jindirizzaw l-iktar riskji komuni affaċċjati minnhom. Għalhekk, din il-miżura għandha tappoġġja lill-bdiewa biex ikopru l-primjums li jħallsu għall-

imħassar

assigurazzjoni tal-uċuh tar-raba, tal-annimali u tal-pjanti kif ukoll l-istabbiliment ta' fondi mutwi u l-kumpens imħallas minn dawn il-fondi lill-bdiewa għat-telf li jġarrbu bħala riżultat ta' tifqigħ ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti jew minħabba inċidenti ambjentali.

Għandha tkopri wkoll strument għall-istabbilizzazzjoni tas-suq fil-forma ta' fond mutwu bħala appoċċ lill-bdiewa li jaffaċċjaw tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom. Sabiex ikun żgurat li hemm trattament ugwali fost il-bdiewa fl-Unjoni, li ma hemmx tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u li l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni huma rispettati, għandhom jiġu pprovduti kundizzjonijiet speċifiċi għall-għoti ta' apoġġ taħt dawn il-miżuri. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni tat-tul ta' żmien minimu u massimu tas-self kummerċjali lill-fondi mutwi.

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda hteġa li jiġi inkluż sostenn għal introjtu żejjed kontra r-riskji fil-pilastru 2, billi l-pilastru 1 ġa għandu bażi ta' sostenn ta' introjtu. Jekk tabilħaqq għandha tkun ittrattata xi mkien fit-testi tal-liġi, il-ġestjoni tar-riskju għandha tkun ittrattata fil-pilastru 1. L-objettiv tal-Pilastru 2 huwa li jsostni jew jagħti inċentiv lill-bdiewa ħalli jkabbbru r-reżiljenza ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-azjendi agrikoli u l-komunitajiet tagħhom. Għaldaqstant ma jkunx xieraq li jiddaħħlu tali miżuri.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Sabiex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola, għandu jiġi stabbilit netwerk tas-SEI li jgħaqqad flimkien f'network gruppi operazzjonali, servizzi

Emenda

(47) Sabiex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola, għandu jiġi stabbilit netwerk tas-SEI li jgħaqqad flimkien f'network gruppi operazzjonali, **inklużi**

konsultattivi u riċerkaturi involuti fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jindirizzaw l-innovazzjoni fl-agrikoltura. Għaldaqstant għandu jiġi ffinanzjat bħala parti mill-assistenza teknika fil-livell tal-Unjoni.

servizzi konsultattivi, *NGOs*, u riċerkaturi involuti fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jindirizzaw l-innovazzjoni fl-agrikoltura. Għaldaqstant għandu jiġi ffinanzjat bħala parti mill-assistenza teknika fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-FAEŻR għandu jikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020 billi jippromwovi l-iżvilupp rurali sostenibbli fl-Unjoni b'mod kumplimentari mal-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni (iktar 'il quddiem "PAK"), mal-politika ta' koeżjoni u mal-politika komuni tas-sajd. Huwa għandu jikkontribwixxi għal settur agrikolu tal-Unjoni li jkun innovattiv, iżjed bilanċjat fil-livell territorjali u ambjentali, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u li jkun reżistenti.

Emenda

Il-FAEŻR għandu jikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020 billi jippromwovi l-iżvilupp rurali sostenibbli fl-Unjoni b'mod kumplimentari mal-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni (iktar 'il quddiem "PAK"), mal-politika ta' koeżjoni u mal-politika komuni tas-sajd. Huwa għandu jikkontribwixxi għal settur agrikolu ***u forestali*** tal-Unjoni li jkun innovattiv, iżjed bilanċjat fil-livell territorjali u ambjentali, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u li jkun reżistenti.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) il-kompetittività fl-agrikoltura;

Emenda

(1) il-kompetittività tal-agrikoltura ***u forestali***;

Ġustifikazzjoni

L-oġettivi u l-prijoritajiet tal-politika tal-Iżvilupp Rurali għandhom jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-kompetittività tal-biedja u l-forestrija.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(2) it-titjib tal-kompetittività tat-tipi kollha ta' agrikoltura u t-titjib tal-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

Emenda

(2) it-titjib tal-kompetittività tat-tipi kollha ta' agrikoltura **u l-forestali** u t-titjib tal-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2**

Test propost mill-Kummissjoni

(2) il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali **u l-azzjoni favur il-klima;**

Emenda

(2) il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, **inklużi l-ilma, il-ħamrija, il-bijodiversità, l-enerġija u miżuri kontra t-tbdil** fil-klima **kif ukoll sistemi tal-biedja li jadattaw għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima;**

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(2) il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali **u l-azzjoni favur il-klima;**

Emenda

(3a) livell tal-għajxien ġust u deċenti għall-komunitajiet lokali li jiddependu fuq l-attivitajiet rurali;

Emenda 18

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-tisħiħ tar-rabtiet bejn **l-agrikoltura** u l-forestrija u r-riċerka u l-innovazzjoni

Emenda

(b) it-tisħiħ tar-rabtiet bejn **prattiki sostenibbli fl-agrikoltura** u l-forestrija u r-riċerka u l-innovazzjoni

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ca) it-tisħiħ u l-iżvilupp ta' sistemi tal-
edukazzjoni u sostenn għall-bdiewa
żgħażaġh;*

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) integrazzjoni aħjar tal-produtturi primarji fil-katina tal-ikel permezz ta' skemi tal-kwalità, promozzjoni fis-swieq lokali u ċirkwiti tal-provvista qosra, gruppi tal-produtturi u organizzazzjoni interprofessjonali;

(a) integrazzjoni aħjar tal-produtturi primarji **u l-konsumaturi** fil-katina tal-ikel permezz ta' skemi tal-kwalità, promozzjoni fis-swieq lokali u ċirkwiti tal-provvista qosra, gruppi tal-produtturi, **gruppi ta' produtturi u konsumaturi** u organizzazzjoni interprofessjonali;

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) il-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel **u l-ġestjoni tar-riskji** fl-agrikoltura, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:
(a) integrazzjoni aħjar tal-produtturi primarji fil-katina tal-ikel permezz ta' skemi tal-kwalità, promozzjoni fis-swieq lokali u ċirkwiti tal-provvista qosra, gruppi tal-produtturi u organizzazzjoni interprofessjonali;
(b) l-appoġġ għall-ġestjoni tar-riskji tal-azjendi agrikoli:

(3) il-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel fl-agrikoltura, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:
(a) integrazzjoni aħjar tal-produtturi primarji fil-katina tal-ikel permezz ta' skemi tal-kwalità, promozzjoni fis-swieq lokali u ċirkwiti tal-provvista qosra, gruppi tal-produtturi u organizzazzjoni interprofessjonali;

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda hteġa li jingħata sostenn għal introjtu żejjed kontra r-riskji fil-pilastru 2, billi l-pilastru 1 ġa għandu bażi ta' sostenn ta' introjtu. Jekk għandha tiġi ttrattata xi mkien

fit-testi tal-liġi, il-ġestjoni tar-riskju għandha tkun ittrattata fil-pilastru 1. Huwa importanti li jkun sottolinjat li l-objettiv erbgħa hu intiż li jwassal għal beni u servizzi pubbliċi ambjentali.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 4 – parti intradutturja

Test propost mill-Kummissjoni

(4) l-irkupru, il-preservazzjoni u t-tiġid tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija, b'enfasi fuq ***l-oqsma*** li ġejjin:

Emenda

(4) l-irkupru, il-preservazzjoni u t-tiġid tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija, ***u sistemi agroekoloġiċi u ta' agrosilvikultura, kif ukoll it-trawwim ta' trobbija tajba tal-bhejjem***, b'enfasi fuq ***il-forniment ta' beni u servizzi pubbliċi ambjentali fl-oqsma*** li ġejjin:

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-irkupru ***u*** l-preservazzjoni tal-bijodiversità, Inklużi ż-żoni f'Natura 2000 u l-biedja li għandha valur naturali għoli u l-istat tal-pajsaġġi Ewropej;

Emenda

(a) l-irkupru, il-preservazzjoni ***u l-użu sostenibbli*** tal-bijodiversità ***u tad-diversità ġenetika fil-farms***, inklużi ż-żoni f'Natura 2000 u l-biedja li għandha valur naturali għoli u l-istat tal-pajsaġġi Ewropej;

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 4 – sottopunt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-titjib tal-ġestjoni tal-ħamrija.

Emenda

(c) it-titjib ***tal-istruttura tal-ħamrija, ir-reżiljenza tal-ħamrija għall-erożjoni u għal avvenimenti klimatiċi estremi, tal-fertilità u*** tal-ġestjoni tal-ħamrija.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) trobbija tajba tal-annimali;

Ġustifikazzjoni

It-trobbija tajba tal-annimali tinkludi sew il-benessri tal-annimali kif ukoll saħħithom. Jeħtieġ li nsaħħu aktar il-benessri u s-saħħa tal-annimali fl-UE. Bi qbil mal-Istrateġija UE 2020, dan iqawwi l-produzzjoni tal-ikel fl-UE u għaldaqstant il-kompetittività tagħha. It-trobbija tajba tal-annimali lill-konsumaturi tagħtihom prodotti li jkunu saru b'użu effiċjenti tar-riżorsi u b'mod sostenibbli. Hemm ukoll rabta bejn is-saħħa tal-anniamli u dik pubblika (iż-żoonisi u r-reżistenza għall-antimikrobijotiċi).

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) il-promozzjoni **tal-effikaċja** tar-riżorsi u l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għat-tibdil fil-klima fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

(5) il-promozzjoni **ta' użu** tar-riżorsi **agríkoli li jiffranka l-enerġija u jutilizza r-riżorsi agríkoli b'mod effiċjenti** u l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għat-tibdil fil-klima fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) iż-żieda **tal-effikaċja** fl-użu tal-ilma permezz tal-agrikoltura;

(a) iż-żieda **tal-effiċjenza, is-sostenibilità u l-iffrankar** fl-użu tal-ilma permezz tal-agrikoltura;

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) iż-żieda *tal-effikaċja* fl-użu tal-enerġija fl-agrikoltura u l-ipproċessar tal-ikel;

Emenda

(b) iż-żieda *tal-effiċjenza u tal-iffrankar tal-enerġija* fl-użu tal-enerġija fl-agrikoltura u l-ipproċessar tal-ikel;

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 5 – sottopunt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-iffaċilitar tal-provvista u l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, prodotti sekondarji, skart, residwi u materja prima oħra mhux tal-ikel għal skopijiet tal-bijoekonomija;

Emenda

(c) l-iffaċilitar *tal-produzzjoni*, tal-provvista *lokali* u l-użu lokali ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, prodotti sekondarji, skart, residwi u materja prima oħra mhux tal-ikel għal skopijiet tal-bijoekonomija;

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-iffaċilitar tad-diversifikazzjoni, il-ħolqien ta' intrapriżi żgħar ġodda u l-ħolqien tal-impjiegi;

Emenda

(a) l-iffaċilitar tad-diversifikazzjoni, il-ħolqien ta' intrapriżi żgħar ġodda, *l-iżvilupp ta dawk li ġa jeżistu* u l-ħolqien tal-impjiegi;

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn il-prijoritajiet kollha għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi trasversali tat-trawwim tal-innovazzjoni u tal-kontribut lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

Emenda

Dawn il-prijoritajiet kollha għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi trasversali tat-trawwim tal-innovazzjoni, *tal-ambjent, tas-saħħa pubblika* u tal-kontribut lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-

klima u l-adattament għalih, **filwaqt li jiżuraw livell għoli ta' benessri tal-annimali.**

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 13 tat-Trattat jiddisponi li l-UE tagħti kunsiderazzjoni sħiħa lill-benessri tal-annimali fl-adozzjoni tal-politiki agrikoli; l-UE għandha wkoll tiżgura li t-tekniki u metodi ta' produzzjoni innovattivi li jrażżnu l-emissjoniet tal-gassijiet serra ma jkollhomx impatt negattiv fuq il-benessri tal-annimali fil-produzzjoni.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għandu jkun hemm konsistenza bejn l-appoġġ mill-FAEŻR u l-miżuri ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija.

Emenda

1. Għandu jkun hemm konsistenza bejn l-appoġġ mill-FAEŻR u l-miżuri ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, **jew *strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni.***

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) *it-trattament tal-isfidi ambjentali;*

Ġustifikazzjoni

L-isfidi ambjentali li qed iħabbat wiċċu magħhom is-settur Ewropew tal-ikel u l-biedja, kif riflessi fil-prijoritajiet 4 u 5 tal-Unjoni, għandhom jiġu indikati b'mod ċar lill-Istati Membri billi jitħeġġew jinkludu sottoprogramm għall-isfidi ambjentali ħalli jindirizzaw il-problemi li kulma jmur qed jikbru b'rabta mal-preservazzjoni u t-titjib tal-bijodiversità, il-protezzjoni tal-ilmijiet, ħamrija f'saħħitha, eċċ.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(bb) sistemi ta' Biedja b'Valur Naturali
Għoli;**

Ġustifikazzjoni

L-isfidi ambjentali li qed iħabbat wiċċu magħhom is-settur Ewropew tal-ikel u l-biedja, kif riflessi fil-prijoritajiet 4 u 5 tal-Unjoni, għandhom jiġu indikati b'mod ċar lill-Istati Membri billi jitħeġġew jinkludu sottoprogramm għall-isfidi ambjentali ħalli jindirizzaw il-problemi li kulma jmur qed jikbru b'rabta mal-preservazzjoni u t-titjib tal-bijodiversità, il-protezzjoni tal-ilmijiet, ħamrija f'saħħitha, eċċ.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-analiżi għandha tiġi strutturata madwar il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. Il-ħtiġijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament u l-promozzjoni tal-innovazzjoni għandhom jiġu vvalutati fir-rigward tal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, bl-għan li jiġu identifikati r-risponsi rilevanti f'dawn iż-żewġ oqsma fil-livell ta' kull prijorità;

L-analiżi għandha tiġi strutturata madwar il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali **u għall-ambjent u għandha tkun imsejsa fuq il-leġiżlazzjoni u d-data ambjentali kollha eżistenti**. Il-ħtiġijiet speċifiċi li jikkonċernaw **l-ambjent, il-bijodiversità u l-ispeċijiet selvaġġi, il-ġestjoni tal-ilma u tal-ħamrija**, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament u l-promozzjoni tal-innovazzjoni għandhom jiġu vvalutati fir-rigward tal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, bl-għan li jiġu identifikati r-risponsi rilevanti f'dawn iż-żewġ oqsma fil-livell ta' kull prijorità;

Ġustifikazzjoni

Mingħajr analiżi SWOT magħmula tajjeb, huwa iebes li tfassal miżuri speċifiċi. Iżjed minn hekk, skont stima tal-Kummissjoni Ewropea, in-nuqqas ta' applikazzjoni adegwata tal-leġiżlazzjoni ambjentali tiswa lill-UE EUR 50 biljun fis-sena f'kostijiet sanitarji u ambjentali. Il-preservazzjoni u l-istimulazzjoni tal-biedja ta' Valura Għoli tan-Natura huma fundamentali jekk iridu jintlaħqu l-oġettivi tal-bijodiversità wkoll barra miż-żoni tan-Natura 2000, u

għalhekk għandhom jissemmew b' mod speċifiku.

Emenda 36

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c – sottopunt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) jkunu ġew inklużi l-kombinazzjonijiet rilevanti tal-miżuri b'rabta **mal-prijoritajiet** tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali rilevanti, li loġikament jirriżultaw mill-evalwazzjoni ex ante msemmija fil-punt (a) u l-analiżi msemmija fil-punt (b);

Emenda

(i) jkunu ġew inklużi l-kombinazzjonijiet rilevanti tal-miżuri b'rabta **ma' kull waħda mill-prijoritajiet** tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali rilevanti, li loġikament jirriżultaw mill-evalwazzjoni ex ante msemmija fil-punt (a) u l-analiżi msemmija fil-punt (b), **ħalli jkunu indirizzati l-isfidi ambjentali u klimatiċi ta' importanza globali; l-Istati Membri għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni l-miżuri skont it-termini tal-Artikoli 29, 30, 31, 34 u 35 ta' dan ir-Regolament huma u jiżviluppaw il-programm tagħhom ta' żvilupp rurali;**

Ġustifikazzjoni

Il-prijoritajiet tal-Unjoni 4 u 5 jirriflettu b' mod ċar il-ħtieġa għal ċaqliq drammatika tal-prattiki Ewropej tal-biedja lejn mogħdija aktar sostenibbli fil-ġejjieni. Huwa għalhekk kruċjali li l-miżuri dwar il-klima, agroambjentali, il-biedja organika, Natura 2000 u d-Direttiva Qafas tal-Ilma u l-benessri tal-annimali jkunu miżuri mandatorji fl-ambitu tal-programmi kollha ta' żvilupp rurali tal-UE bl-iskop li tingħata spinta komprensiva lill-kwalità ekoloġika u jkunu żgurati l-kompetittività u s-sostenibilità ekonomiċi fl-Istati Membri u bejniethom.

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) ikun integrat fil-programm approċċ pertinenti lejn l-innovazzjoni, l-ambjent, inklużi l-bżonnijiet speċifiċi taż-żoni Natura 2000, u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;

Emenda

(iv) ikun integrat fil-programm approċċ pertinenti lejn l-innovazzjoni, l-ambjent, inklużi l-bżonnijiet speċifiċi taż-żoni Natura 2000, **il-biedja b'Valur Naturali Għoli, il-biedja organika,** u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;

Ġustifikazzjoni

Mingħajr analiżi SWOT magħmula tajjeb, huwa iebes li tfassal miżuri speċifiċi. Iżjed minn hekk, skont stima tal-Kummissjoni Ewropea, in-nuqqas ta' applikazzjoni adegwata tal-leġiżlazzjoni ambjentali tiswa lill-UE EUR 50 biljun fis-sena f'kostijiet sanitarji u ambjentali. Il-preservazzjoni u l-istimulazzjoni tal-biedja ta' Valura Għoli tan-Natura huma fundamentali jekk iridu jintlaħqu l-oġettivi tal-bijodiversità wkoll barra miż-żoni tan-Natura 2000, u għalhekk għandhom jissemmew b'mod speċifiku.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni

(m) informazzjoni dwar il-kumplimentarjetà mal-miżuri ffinanzjati mill-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni, permezz tal-politika ta' koeżjoni jew mill-EMFF;

Emenda

(m) informazzjoni dwar il-kumplimentarjetà mal-miżuri ffinanzjati mill-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni, permezz tal-politika ta' koeżjoni jew mill-EMFF, ***u applikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji msemmija fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012].***

Ġustifikazzjoni

Issir referenza għar-Regolament CSF, li t-Titolu IV tiegħu jippreżenta tipi differenti ta' strumenti ta' finanzjament. Biex ikun żgurat li dawk l-istrumenti jkunu jistgħu jintużaw ukoll għall-Iżvilupp Rurali (eż. fondi rotanti), issir referenza għat-Titolu IV.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt p a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(pa) L-Istati Membri għandhom iżommu mill-anqas il-livell tal-isforz li għamlu matul il-perjodu ta' programmazzjoni l-2007 u l-2013 u jonfqu minimu ta' 35 % tal-kontribut totali mill-FAEŻR għal kull programm ta' żvilupp rurali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u għal ġestjoni sostenibbli tal-art, permezz tal-miżuri

klimateċi agroambjentali, tal-biedja organika u pagamenti skont Natura 2000 u d-Direttiva Qafas għall-Ilma, pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew miżuri oħra speċifiċi ta' restrizzjoni, investimenti għat-titjib tar-reżiljenza u tal-valur ambjentali tal-ekosistemi forestali, servizzi favur l-ambjent forestali u l-klima, u l-konservazzjoni forestali.

Ġustifikazzjoni

Fil-perijodu kurrenti ta' programmazzjoni, ġa għandna 25 % nfiq minimu għall-assi 2; dan għandu mhux biss jissokta iżda jżied għal minimu ta' 35 % nfiq. Il-miżuri kollha speċifiċi għall-ambjent għandhom ikunu inklużi (AEC, organiċi, Natura 2000, WFD, ambjent forestali, eċċ.); b'dana kollu, il-miżuri li ma humiex speċifiċi għall-ambjent (LFA) ma għandhomx jingħaddu.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt pa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(pa) id-daqs minimu tal-azjendi forestali li s-sostenn għalihom se jkun ikkondizzjonat mis-sottomissjoni ta' pjan ta' ġestjoni forestali jew strument ekwivalenti, u l-miżuri magħżula ta' bijodiversità li għandhom ikunu inklużi fil-pjan ta' ġestjoni forestali;
(pb) id-deżinjazzjoni tal-meded u tat-tipi tal-artijiet fejn tista' ssir l-afforestazzjoni biex jiġu evitati effetti negattivi fuq il-bijodiversità, l-ambjent jew il-ħabitats tal-mergħat;
(pc) standard ta' prattiki forestali tajba li jkunu l-bażi minima għas-sostenn ta' miżuri forestali skont ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-appoġġ jista' jkopri wkoll skambju tal-
ġestjoni ta' azjenda agrikola għal żmien
qasir u żjara f'azjenda agrikola.

Emenda

L-appoġġ jista' jkopri wkoll skambju tal-
ġestjoni ta' azjenda **u tal-foresti għal**
żmien qasir u żjara f'azjenda agrikola.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-bdiewa, is-sidien tal-foresti u l-SMEs
fiż-żoni rurali jiġu meġġuna jibbenefikaw
mill-użu ta' servizzi konsultattivi għat-
titjib tal-prestazzjoni ekonomika u
ambjentali kif ukoll tal-kapaċità tal-
azjenda, l-intrapriża u/jew l-investment
tagħhom li ma jagħmlux ħsara lill-klima u
li jkunu reżistenti għat-tibdil fil-klima;

Emenda

(a) il-bdiewa, is-sidien tal-foresti u l-SMEs
fiż-żoni rurali jiġu meġġuna jibbenefikaw
mill-użu ta' servizzi konsultattivi għat-
titjib tal-prestazzjoni ekonomika u
ambjentali kif ukoll tal-kapaċità tal-
azjenda, l-intrapriża u/jew l-investment
tagħhom li ma jagħmlux ħsara lill-klima, **li**
jħarsu l-benessri tal-annimali u li jkunu
reżistenti għat-tibdil fil-klima, **u li l-bdiewa**
jiġu meġġuna fl-ipproċessar u l-
kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti
tagħhom;

Ġustifikazzjoni

*Biex tkun allinjata mal-istrateġija l-ġdida 2012-2015 tal-benessri tal-annimali, li tiddisponi
dwar aktar sinerġiji mal-PAK, il-benessri tal-annimali għandha titqies bis-sħiħ fis-servizzi
konsultattivi, bħala parti hija wkoll tal-biedja sostenibbli.*

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jiġi promoss it-taħriġ tal-konsulenti.

Emenda

(c) jiġi promoss it-taħriġ tal-konsulenti **bil-**
mira speċifika li jinġiebu 'l quddiem
sistemi agrikoli sostenibbli, bħalma hija l-
biedja organika.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet jew il-korpi magħżula biex jipprovdu pariri għandu jkollhom ir-riżorsi xierqa fil-forma ta' persunal imħarreġ regolament u kkwalifikat, u esperjenza u affidabbiltà fir-rigward tal-oqsma li dwarhom huma jagħtu pariri. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħiet għal proposti. Il-proċedura tal-għażla għandha tkun oġġettiva u tkun miftuħa għal korpi pubbliċi kif ukoll privati.

Emenda

L-awtoritajiet jew il-korpi magħżula biex jipprovdu pariri għandu jkollhom ir-riżorsi xierqa fil-forma ta' persunal imħarreġ regolament u kkwalifikat, u esperjenza u affidabbiltà fir-rigward tal-oqsma li dwarhom huma jagħtu pariri. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħiet għal proposti. Il-proċedura tal-għażla għandha tkun oġġettiva u tkun miftuħa għal korpi pubbliċi kif ukoll **għal dawk kooperattivi u** privati.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-pariri lill-bdiewa għandhom ikunu marbuta mill-inqas ma' prijorità waħda tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali u għandhom ikopru **mill-inqas wieħed mill-elementi** li ġejjin:

Emenda

4. Il-pariri lill-bdiewa għandhom ikunu marbuta mill-inqas ma' prijorità waħda tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali u għandhom ikopru l-elementi li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

*Għall-fini ta' żgurar tal-effikaċja tas-servizzi ta' konsulenza agrikola, l-aċċess għal taġħrif komprensiv għandu jingħata fl-Istati Membri kollha bħala sostenn għaċ-ċaqliqa favur Prattiki Agrikoli kulma jmur aktar sostenibbli. Il-biedja organika tinsab f'qagħda tajba li tmur oltre r-
rekwiżiti ambjentali u klimatiċi u tixpruna l-produzzjoni agrikola sostenibbli. Billi l-konverżjoni għall-biedja organika hija impenn ewlieni u jirrikjedi għarfien speċjalizzat ġdid, il-biedja organika għandha tkun rikonoxxuta b'mod espliċitu fil-FAS, minn tal-anqas.*

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **wieħed jew aktar mir-rekwiżiti** u/jew l-istandards statutorji dwar il-ġestjoni li jistabbilixxu kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin provduti fil-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012;

Emenda

(a) **ir-rekwiżiti** u l-istandards statutorji dwar il-ġestjoni li jistabbilixxu kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin provduti fil-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012;

Ġustifikazzjoni

Għall-fini ta' żgurar tal-effikaċja tas-servizzi ta' konsulenza agrikola, l-aċċess għal taġġirif komprensiv għandu jingħata fl-Istati Membri kollha bħala sostenn għaċ-ċaqliqa favur prattiki agrikoli kulma jmur aktar sostenibbli. Il-biedja organika tinsab f'qagħda tajba li tmur oltre r-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi u tixpruna l-produzzjoni agrikola sostenibbli. Billi l-konverżjoni għall-biedja organika hija impenn ewlieni u jirrikjedi għarfien speċjalizzat ġdid, il-biedja organika għandha tkun rikonoxxuta b'mod espliċitu fil-FAS, minn tal-anqas.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-iżvilupp sostenibbli **tal-attività ekonomika** tal-azjendi żgħar kif definit mill-Istati Membri jew mill-inqas l-azjendi agrikoli parteċipanti fl-iskema Bdiewa Żgħar imsemmija fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru DP/2012; or

Emenda

(d) l-iżvilupp sostenibbli, **il-prestazzjoni ambjentali, u l-attività ekonomika tal-biedja organika, bħala minimu, li għalihom hemm riferiment fir-Regolament (KE) Nru 834/2007, u** tal-azjendi żgħar kif definit mill-Istati Membri jew mill-inqas l-azjendi agrikoli parteċipanti fl-iskema Bdiewa Żgħar imsemmija fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru DP/2012; or

Ġustifikazzjoni

Għall-fini ta' żgurar tal-effikaċja tas-servizzi ta' konsulenza agrikola, l-aċċess għal taġġirif komprensiv għandu jingħata fl-Istati Membri kollha bħala sostenn għaċ-ċaqliqa favur prattiki agrikoli kulma jmur aktar sostenibbli. Il-biedja organika tinsab f'qagħda tajba li tmur oltre r-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi u tixpruna l-produzzjoni agrikola sostenibbli. Billi l-

konverżjoni għall-biedja organika hija impenn ewlieni u jirrikjedi għarfien speċjalizzat ġdid, il-biedja organika għandha tkun rikonoxxuta b'mod espliċitu fil-FAS, minn tal-anqas.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-appoġġ skont din il-miżura għandu jkopri l-parteċipazzjoni ġdida mill-bdiewa fi:

Emenda

1. L-appoġġ skont din il-miżura għandu jkopri l-parteċipazzjoni ġdida mill-bdiewa individwali ***u minn gruppi tal-produtturi jew minn organizzazzjonijiet tal-produtturi*** fi:

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

i) l-ispeċifità tal-prodott finali taħt dawn l-iskemi tirriżulta minn obbligi ċari biex jiġu ggarantiti:

– il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti , jew

– il-metodi speċifiċi tal-biedja jew tal-produzzjoni, jew

– il-kwalità tal-prodott finali li tmur b'mod sinifikanti lil hinn mill-istandards tal-kommodità kummerċjali fir-rigward tas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti, il-benessri tal-annimali jew il-protezzjoni ambjentali;

Emenda

i) l-ispeċifità tal-prodott finali taħt dawn l-iskemi tirriżulta minn obbligi ċari biex jiġu ggarantiti:

– il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti , jew

– il-metodi speċifiċi tal-biedja jew tal-produzzjoni ***u l-biedja li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent***, jew

– il-kwalità tal-prodott finali li tmur b'mod sinifikanti lil hinn mill-istandards tal-kommodità kummerċjali ***mhux biss*** fir-rigward tas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti, il-benessri tal-annimali jew il-protezzjoni ambjentali, ***iżda wkoll il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, it-tnaqqis tas-CO₂ u l-ħelsien mill-modifikazzjoni ġenetika***;

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b – subpunt i – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ktajjen ta' provvista tal-ikel qosra u lokali, jew

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) skemi volontarji ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti agrikoli rikonoxxuti mill-Istati Membri li jilħqu l-linji gwida tal-aħjar prattiki tal-Unjoni għall-operat ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji marbuta ma' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel.

(c) skemi volontarji ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti agrikoli rikonoxxuti mill-Istati Membri li jilħqu l-linji gwida tal-aħjar prattiki tal-Unjoni għall-operat ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji marbuta ma' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ***bl-esklużjoni ta' skemi li jiċċertifikaw konformità mar-rekwiżiti legali minimi biss.***

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex aċċettabbli li flejjes pubbliċi jingħataw biex ikun żgurat li l-liġi titħares. Is-sussidju tal-Iżvilupp rurali għandhom jingħataw biss għall-produzzjoni ta' beni pubbliċi, li jissawru permezz taż-żamma ma' standards oġhla rigward l-ambjent u l-benessri tal-annimali, pereżempju.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Investiment f'assi fiżiċi

Investiment f'assi fiżiċi ***għal produzzjoni sostenibbli, tajba għas-saħħa, li ma tagħmilx ħsara lill-klima u li tħares il-benessri tal-annimali,***

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) itejbu *l-prestazzjoni globali tal-azjenda* agrikola;

Emenda

(a) itjebu *b'mod sinifikanti l-operazzjoni* agrikola *f'dak li għandu x'jaqsam mas-sostenibilità, il-benefiċċji sanitarji, il-klima u l-produzzjoni li ma taħqarx lill-bhejjem;*

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jikkonċernaw infrastruttura marbuta mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura, inkluż l-aċċess għal azjendi agrikoli u foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-provvista tal-enerġija u l-ġestjoni tal-ilma; or

Emenda

(c) jikkonċernaw infrastruttura *li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent* marbuta mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura, inkluż l-aċċess għal azjendi agrikoli u foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-provvista *u l-iffrankar* tal-enerġija u l-ġestjoni tal-ilma, *skont il-prijoritajiet 4 u 5*; or

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ikunu investimenti mhux produttivi marbuta *mall-issodisfar* tal-impenji agroambjentali u agroforestali, l-istatus ta' konservazzjoni tal-bijodiversità ta' speċijiet u ħabitats *kif ukoll* mat-titjib tal-valur, f'termini ta' benefiċċju għall-pubbliku, ta' żona tan-Natura 2000 jew żona oħra ta' valur naturali għoli li għandhom jiġu definiti fil-programm.

Emenda

(d) ikunu investimenti mhux produttivi marbuta *mal-issodisfar* tal-impenji agroambjentali u agroforestali, l-istatus ta' konservazzjoni tal-bijodiversità ta' speċijiet u ħabitats, *il-biedja li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent/organika u l-benessri tal-annimali*, mat-titjib tal-valur, f'termini ta' benefiċċju għall-pubbliku, ta' żona tan-Natura 2000 jew żona oħra ta' valur naturali għoli li għandhom jiġu

definiti fil-programm *kif ukoll impenji relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttivi 2009/147/KE, 92/42/KEE u 2000/60/KE, inklużi l-investigazzjonijiet u l-istudji ta' fattibbiltà inizjali; dan għandu jinkludi investimenti għal skemi speċifiċi ta' kwalità skont l-Artikolu 17.*
(da) ikunu investimenti mhux ta' produzzjoni li jkunu meħtieġa għall-ottemperanza mar-rekwiżiti obbligatorji marbuta mad-Direttivi msemmija hawn fuq.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) jikkonċernaw l-użu ta' miżuri ta' kontroll bijoloġiku bħala mezz ta' tnaqqis jew tafja tal-pesti u tal-effetti tal-pesti bħalma huwa l-użu tal-għedewwa naturali u l-invigoraturi tal-pjanti, jekk kemm-il darba dawn il-miżuri jkunu jiswew aktar, fuq bażi ta' kull sena, mill-prodotti kimiċi li għandhom l-istess funzjoni.

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri ta' investiment fiżiku jistgħu jkunu ta' ħsara kbira jekk ma jkunux kontrobilanċjati minn salvagwardji ambjentali. Il-kontroll bijoloġiku bħalissa mhux komepettitiv biżżejjed meta mqabbel mal-pestiċidi normali. B'danakollu, dan hu mod tabilħaqq innovattiv kif wieħed jimxi 'l quddiem fit-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi, filwaqt li jinżamm kontroll tajjeb tal-pesti.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(a) għandu jingħata lill-azjendi agrikoli. Fil-każ ta'

imħassar

investimenti li jappoġġjaw ir-ristrutturar ta' azjenda agrikola, għandhom ikunu eliġibbli biss l-azjendi agrikoli li ma jaqbzghux ċertu daqs, li għandu jiġi definit mill-Istati Membri fil-programm ibbażat fuq l-analiżi SWOT imwettqa b'rabta mal-prijorità tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali tal-“kompetittività tal-vijabbiltà tal-agrikoltura u l-azjendi agrikoli”.

Emenda 58

**Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Għal azjendi forestali li jaqbżu ċertu daqs li jkun determinat mill-Istati Membri fil-programm, is-sostenn għall-investimenti fl-art forestali jkun jiddependi mis-sottomissjoni ta' pjan tal-ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti li jkun jinkludi miżuri ta' bijodiversità. Dawn il-miżuri ta' bijodiversità għandhom ikunu konformi ma' ġestjoni forestali sostenibbli kif definita fil-konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa tal-1993 (minn hawn 'il quddiem "ġestjoni forestali sosentibbli").

Ġustifikazzjoni

L-investimenti speċifiċi fuq l-art forestali jista' jkollhom impatt negattiv ħafna fuq il-bijodiversità.

Emenda 59

**Proposta għal regolament
Artikolu 19**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **Artikolu 19**

– **imħassar**

- *L-irkupru tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritilu ħsara b'diżastri naturali u naturali u avvenimenti katastrofiċi u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni xierqa*
- *1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkopri:*
- *(a) investimenti f'azzjonijiet preventivi mmirati biex jiġnaqqsu l-konsegwenzi ta' diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi probabbli;*
- *(b) investimenti għall- tal-art agrikola u l-produzzjoni potenzjalment iddanneġġjata b'diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi.*
- *2. L-appoġġ għandu jingħata lil bdiewa jew lil gruppi ta' bdiewa. L-appoġġ jista' jingħata wkoll lil entitajiet pubbliċi meta tiġi stabbilita konnessjoni bejn l-investiment li jkunu għamlu dawn l-entitajiet u l-potenzjal tal-produzzjoni agrikola.*

L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(d) għandu jkun suġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri li jkun seħħ diżastru naturali u li dan id-diżastru jew il-miżuri adottati skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard jew organiżmi ta' ħsara kkawżaw il-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-potenzjal tal-foresti rilevanti.

4. M'għandu jingħata l-ebda appoġġ taħt din il-miżura għal telf ta' dħul li jirriżulta mid-diżastru naturali jew l-avveniment katastrofiku

L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpens żejjed b'konsegwenza tal-kombinazzjoni ta' din il-miżura u strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi tal-assigurazzjoni privata jiġi evitat.

5. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(a) għandu jkun limitat għar-rata massima tal-

appoġġ stabbilita fl-Anness I. Din ir-rata massima m'għandhiex tapplika għal proġetti kollettivi minn iżjed minn benefiċjarju wieħed.

- **6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 b'rabta mad-definizzjoni tal-ispejjeż eliġibbli taħt din il-miżura.**

Ġustifikazzjoni

Din il-miżura mhijiex skont il-miri tal-programm u huwa ċar li hija waħda ta' sostenn tad-dħul. Barra minn hekk, kwistjonijiet tal-assigurazzjoni għandu jittrattahom is-suq, u mhux bil-flus pubbliku. Għaldaqstant postha huwa fil-Pilastru 1 u mhux fil-Pilastru 2.

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(a) għandu jkun jiddependi fuq is-sottomissjoni ta' pjan tan-negożju. L-implimentazzjoni tal-pjan tan-negożju għandha tibda fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni li tingħata l-għajjnuna.

Emenda

L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(a) għandu jkun jiddependi fuq is-sottomissjoni ta' pjan tan-negożju **li jinkludi valutazzjoni tal-impatt għal prestazzjoni ambjentali mtjeba**. L-implimentazzjoni tal-pjan tan-negożju għandha tibda fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni li tingħata l-għajjnuna.

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. L-Istati Membri jqisu l-kondizzjonijiet soċjali u ambjentali taż-żoni rurali kkonċernati qabel ma jħaddmu din il-miżura.

Ġustifikazzjoni

Hemm possibiltà li din il-miżura għall-iżvilupp agrikolu u kummerċjali tintuża biex tirstruktura ħafna mill-azjendi agrikoli u żoni rurali tal-Ewropa. Sabiex ikun żgurat żvilupp agrikolu u kummerċjali soċjalment, ekoloġikament u ekonomikament responsabbli li jżid ir-reddività ekonomika, jagħti riżultati tajbin fuq l-ambjent u jippromwovi l-koeżjoni soċjali fil-komunitajiet rurali, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod ċar l-impatti soċjali u ambjentali tar-ristrutturament.

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) investimenti fl-istabbiliment, it-titjib jew l-espansjoni ta' servizzi bażiċi lokali għall-populazzjoni rurali, inkluż dawk relatati mad-divertiment u l-kultura, u l-infrastruttura relatata;

Emenda

(d) investimenti fl-istabbiliment, it-titjib jew l-espansjoni ta' servizzi bażiċi lokali għall-populazzjoni rurali, inkluż dawk relatati mad-divertiment u l-kultura, u l-infrastruttura relatata, ***b'mod partikolari faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u preventivi;***

Ġustifikazzjoni

Bi qbil mal-istrateġija Ewropa 2020, se jkunu jistgħu jinħolqu impjegi ta' kwalita għolja (tobba, spiżjara, infermieri eċċ.) u b'hekk jogħlew ir-rati tax-xogħol. Din il-proposta se tiżgura wkoll aċċess reġjonali għal faċilitajiet tal-kura tas-saħħa.

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jikkonċerna biss infrastruttura fuq skala żgħira, kif definit minn kull Stat Membru fil-programm. Madankollu, il-programmi ta' żvilupp rurali jistgħu jipprovdu għal derogi speċifiċi minn din ir-regola għal investimenti fil-broadband u l-enerġija rinnovabbli. F'dan il-każ, għandhom jiġu provduti kriterji ċari li jiżguraw il-kumplimentarjetà mal-appoġġ taħt

Emenda

2. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jikkonċerna infrastruttura fuq skala żgħira, kif definit minn kull Stat Membru fil-programm. Madankollu, il-programmi ta' żvilupp rurali jistgħu jipprovdu għal derogi speċifiċi minn din ir-regola għal investimenti fil-broadband u l-enerġija rinnovabbli, ***ħlief għall-bijomassa mhux sostenibbli, il-bijogass u l-bijofjuwils ibbażati fuq l-art, u l-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u preventivi.*** F'dan il-każ,

strumenti oħra tal-Unjoni.

għandhom jiġu provduti kriterji ċari li jiżguraw il-kumplimentarjetà mal-appoġġ taħt strumenti oħra tal-Unjoni.

Ġustifikazzjoni

Matul l-aħħar sentejn, ħafna evidenza addizzjonali wriet li biomassa u bijofjuwils ibbażati fuq l-art, fuq skala kbira, ma jistgħux ikunu sostenibbli. Għaldaqstant, huwa importanti li jkun aċċentwat li mhux il-proġetti kollha ta' enerġija rinnovabbli fuq skala kbira huma ta' benefiċċju jew sostenibbli.

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 21 a)

It-titjib tal-bijodiversità fiż-żoni rurali

1. L-appoġġ skont din il-miżura jikkonċerna:

(a) it-tifsil u l-aġġornament tal-pjani ta' protezzjoni u ġestjoni marbutin ma' siti NATURA 2000 u mkejjen oħrajn ta' valur naturali għoli inklużi pjani ta' azzjoni għall-protezzjoni tal-ispeċijiet li huma marbtin maż-żoni rurali;

(b) studji, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni ambjentali, u investimenti assoċjati ma' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni jew maż-żamma, restawr u aġġornament ta' karattersitiċi tal-wirt naturali bħalma huma r-restawr u t-twaqqif tax-xmajjar jew ta' strutturi lineari jew kontinwi oħrajn jew il-funzjoni tagħhom bħala mkejjen ta' waqfien għas-serħan essenzzjali għall-migrazzjoni, it-tifrix u l-iskambju ġenetiku tal-ispeċijiet selvaġġi.

2. L-investimenti skont it-termini tal-paragrafu 1(b) ikunu eliġibbli għas-sostenn fejn l-operazzjonijiet relevanti jkunu implementati skont pjani ta' ġestjoni jew pjan oħrajn ta' protezzjoni tan-natura fejn l-investimenti jkunu marbutin b'mod ċar mal-oġġettivi li jsostnu l-istrateġija tal-bijodiversità tal-

Unjoni sal-2020.

Ġustifikazzjoni

Natura 2000, inħawi ta' biedja b'Valur Naturali Għoli u d-direttiva qafas għall-ilma jirrikjedu miżuri speċifiċi li bihom il-proġetti jistgħu jitwettqu ħalli jimplementaw ir-rekwiżiti preskritti mill-Unjoni permezz tal-istrateġija għall-bijodiversità u d-Direttiva Qafas għall-Ilma.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti

Emenda

Investimenti fl-iżvilupp **ambjentalment sostenibbli** taż-żoni forestali u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' żoni msaġġra;

Emenda

(a) l-afforestazzjoni **ambjentalment sostenibbli** u l-ħolqien **ambjentalment sostenibbli** ta' żoni msaġġra **skont iż-żona bijoklimatika rilevanti**;

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-istabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija;

Emenda

(b) Stabbiliment ta' sistemi **ambjentalment sostenibbli** tal-agroforestrija u silvopastorali;

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) tagħmir jew infrastruttura għall-prevenzjoni tan-nirien tal-foresti, għal żoni msaġġra kklassifikati bħala ta' riskju medju sa għoli tan-nirien; l-appoġġ mogħti għal dan il-għan għandu jingħata skont l-Artikolu 25. Biex ikunu eliġibbli għal dan, l-Istati Membri għandu jkollhom l-obbligu li jallokaw kofinanzjament għat-tagħmir jew għall-infrastruttura għall-prevenzjoni tan-nirien fiż-żoni msemmija.

Ġustifikazzjoni

Spiss jiġri li dejjem ikunu l-istess żoni forestali li jinħakmu min-nirien, minħabba li ma tkun ġiet implimentata l-ebda strateġija preventiva. Mhuwiex raġonevoli li l-appoġġ pubbliku jingħata diversi drabi wara xulxin għall-istess żoni. Għalhekk jeħtieġ li r-ristawr minħabba n-nirien jinfired mill-prevenzjoni, u li din tal-aħħar tkun il-prijorita u prekondizzjoni għal kwalunkwe miżura forestali f'żoni ta' riskju medju sa għoli identifikati f'kull Stat Membru, u għal kwalunkwe ftehin dwar l-għoti ta' finanzjament.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) *il-prevenzjoni u l-irkuru* tal-ħsara lill-foresti minn nirien tal-foresti u diżastri naturali, inklużi t-tifrix ta' organiżmi li jagħmlu ħsara u ta' mard, avvenimenti katastrofiċi u t-theddidiet marbuta mal-klima;

(c) *l-irkupru mill-ħsara* lill-foresti minn nirien tal-foresti u diżastri naturali, inklużi t-tifrix ta' organiżmi li jagħmlu ħsara u ta' mard, avvenimenti katastrofiċi u t-theddidiet marbuta mal-klima;

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) investimenti f' teknoloġiji **ġodda** tal-forestrija u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija.

Emenda

(e) investimenti f' teknoloġiji **ambjentalment sostenibbli** tal-forestrija u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija.

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-limitazzjonijiet fuq is-sjieda tal-foresti provduti **fl-Artikoli 36 sa 40** m'għandhomx japplikaw għall-foresti tropikali jew subtropikali u msaġar fit-territorji tal-Azores, il-Madejra, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 d-dipartimenti Franċiżi Extrakontinentali.

Emenda

Il-limitazzjonijiet fuq is-sjieda tal-foresti provduti **fl-Artikoli 23 sa 27** m'għandhomx japplikaw għall-foresti tropikali jew subtropikali u msaġar fit-territorji tal-Azores, il-Madejra, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 d-dipartimenti Franċiżi Extrakontinentali. ***Il-limitazzjonijiet fuq is-sjieda tal-foresti provduti fl-Artikoli 23 sa 27 m'għandhomx japplikaw għall-apoġġ għal raġunijiet amjentali, bħalma huma l-protezzjoni kontra l-erożjoni jew l-estensjoni ta' riżorsi forestali li jikkontribwixxi għat-taffija tat-tibdil fil-klima.***

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għal dak li jirrigwarda azjendi li jaqbżu ċertu daqs li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri fil-programm, l-appoġġ għandu

Emenda

Għal dak li jirrigwarda azjendi li jaqbżu ċertu daqs li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri fil-programm, l-appoġġ għandu

jkun jiddependi mit-tressiq ta' pjan għall-
ġestjoni tal-foresti jew strument
ekwivalenti f'konformità mal-ġestjoni
sostenibbli tal-foresti kif definit fil-
Konferenza Ministerjali dwar il-
Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa tal-1993
(iktar 'il quddiem "il-ġestjoni sostenibbli
tal-foresti").

jkun jiddependi mit-tressiq ta' pjan għall-
ġestjoni tal-foresti jew strument
ekwivalenti **inklużi miżuri ta' bijodiversità**
u f'konformità mal-ġestjoni sostenibbli tal-
foresti kif definit fil-Konferenza
Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti
fl-Ewropa tal-1993 (iktar 'il quddiem "il-
ġestjoni sostenibbli tal-foresti").

Ġustifikazzjoni

*Din il-miżura kienet sikwit implementata fl-imgħoddi mingħajr ma jitqies l-ambjent.
Għaldaqstant għandha tissemma speċifikament biex ikun żgurat li ma sir l-ebda ħsara f'dak li
jirrigwarda l-ambjent. Biex jirfdu l-miri tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità, il-
pjanijiet tal-ġestjoni tal-foresti għandhom jinkludu miżuri speċifiċi dwar il-bijodiversità.*

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(3a) L-azzjonijiet kollha għandhom ikunu
koerenti mal-objettivi ambjentali tal-PAK.***

Ġustifikazzjoni

*Il-miżura: “Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali u tal-vijabbiltà mtejba tal-foresti” sikwit
fl-imgħoddi kienet implementata mingħajr ma jitqies l-ambjent, u għaldaqstant għandha
tissemma b'mod speċifiku ħalli jiġi żgurat li ma ssir l-ebda ħsara lill-ambjent.*

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 22b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(3b) L-appoġġ għall-miżuri favur il-foresti
għandu jkollu bħala kondizzjoni l-
istandard għal Prattiki tajbin favur il-
foresti.***

Ġustifikazzjoni

Jingħata sostenn biss lil Prattiki sostenibbli ta' ġestjoni forestali.

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 22(1)(a) għandu jingħata lil sidien *privati* tal-art u lil min qiegħed fil-keru, lill-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u għandu jkopri l-ispejjeż tal-istabbiliment u primjum annwali għal kull ettaru li l-ispejjeż ta' manutenzjoni, inkluż tindif kmieni u tard, għal perjodu massimu ta' *għaxar snin*.

Emenda

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 22(1)(a) għandu jingħata lil sidien tal-art u lil min qiegħed fil-keru, lill-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, u *ġesturi oħrajn tal-art u* għandu jkopri l-ispejjeż tal-istabbiliment u primjum annwali għal kull ettaru li l-ispejjeż ta' manutenzjoni, inkluż tindif kmieni u tard, għal perjodu massimu ta' *15-il sena*.

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kemm l-art agrikola kif ukoll l-art mhux agrikola għandhom ikunu eliġibbli. *Speċijiet imħawwlin* għandhom ikunu adattati għall-kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi taż-żona u jissodisfaw rekwiżiti ambjentali minimi. L-ebda appoġġ ma għandu jingħata għat-tħawwil ta' msaġar b'newba qasira, tas-siġar tal-Milied jew għas-siġar li jikbru malajr għall-produzzjoni tal-enerġija. F'żoni fejn l-afforestazzjoni hija diffiċli minħabba kundizzjonijiet pedoklimatiċi, l-appoġġ jista' jingħata għat-tħawwil ta' siġar perenni bħal arbuxelli jew buxxijiet adattati għall-kundizzjonijiet lokali.

Emenda

2. Kemm l-art agrikola kif ukoll l-art mhux agrikola għandhom ikunu eliġibbli. *L-ispeċijiet imħawwlin* għandhom ikunu adattati għall-kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi taż-żona u jissodisfaw rekwiżiti ambjentali minimi *u għandhom ikunu konsistenti maż-żona bijoklimatika relevanti*. L-ebda appoġġ ma għandu jingħata għat-tħawwil ta' msaġar b'newba qasira, tas-siġar tal-Milied jew għas-siġar li jikbru malajr għall-produzzjoni tal-enerġija. F'żoni fejn l-afforestazzjoni hija diffiċli minħabba kundizzjonijiet pedoklimatiċi, l-appoġġ jista' jingħata għat-tħawwil ta' siġar perenni bħal arbuxelli jew buxxijiet adattati għall-kundizzjonijiet lokali.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri jagħżlu nħawi idonji għall-afforestazzjoni ħalli jiżguraw li t-tixtil ma jkollux impatt dettrimentali fuq l-ambjent jew il-bijodiversità.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jinqata' barra kull tixtil li jikkawża ħsara kemm ta' speċijiet ħżiena kemm f'imkejjien ħżiena.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 dwar id-definizzjoni tar-rekwiżiti ambjentali minimi msemmija fil-paragrafu 2.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 dwar id-definizzjoni tar-rekwiżiti ambjentali minimi msemmija fil-paragrafu 2. ***Ir-rekwiżiti ambjentali minimi jimxu mat-tipoloġiji tal-Aġenzija Ambjentali Ewropea, li jkunu t-tipi differenti kollha tal-foresti Ewropej.***

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 24 - titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Stabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija

Stabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija ***u silvopastorali***

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. "Is-sistemi tal-agroforestrija" għandhom ifissru sistemi ta' użu tal-art fejn jitkabbru s-siġar flimkien ma' agrikoltura *estensiva* fuq l-istess art. L-għadd massimu ta' siġar li għandu jitħawwel għal kull ettaru għandu jkun determinat mill-Istati Membri b'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet pedoklimatiċi, l-ispeċijiet tal-forestrija u l-bżonn li jkun żgurat użu agrikolu tal-art.

Emenda

2. "Is-sistemi tal-agroforestrija" għandhom ifissru sistemi ta' użu tal-art fejn jitkabbru s-siġar flimkien ma' agrikoltura fuq l-istess art. L-għadd massimu ta' siġar li għandu jitħawwel għal kull ettaru għandu jkun determinat mill-Istati Membri b'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet pedoklimatiċi, l-ispeċijiet tal-forestrija u l-bżonn li jkun żgurat użu agrikolu tal-art.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-appoġġ skont ***l-Artikolu 22(1)(c)*** għandu jingħata lil sidien privati, semipubbliċi u pubbliċi tal-foresti, lill-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u għandu jkopri l-ispejjeż għall:

Emenda

1. L-appoġġ skont ***l-Artikolu 22(1)(b)a*** għandu jingħata lil sidien privati, semipubbliċi u pubbliċi tal-foresti, lill-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u għandu jkopri l-ispejjeż għall:

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) L-istabbiliment ta' infrastruttura ***protettiva. Fil-każ ta' fire breaks (strixxi mingħajr siġar biex in-nar ma jitħalliex jinfirx fil-foresta), l-appoġġ jista' jkopri wkoll għajjuna li tikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-manutenzjoni.*** M'għandu jingħata ebda appoġġ għal attivitajiet relatati mal-agrikoltura f'żoni koperti minn impenji agroambjentali.

Emenda

(a) L-istabbiliment ta' infrastruttura ***preventiva (mogħdijiet forestali, għejun, trinek, strixxi ta' art mingħajr siġar ħalli n-nirien ma jinfirxux) li tikkostitwixxi retikolat għall-ħarsien ta' qasam imsaġġar skont il-pjanijiet lokali jew reġjonali għall-prevenzjoni tan-nirien forestali.*** M'għandu jingħata ebda appoġġ għal attivitajiet relatati mal-agrikoltura, ***partikolarment*** f'żoni koperti minn

impenji agroambjentali.

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) attivitajiet lokali ta' prevenzjoni fuq skala żgħira kontra nirien jew perikli naturali oħra;

Emenda

(b) attivitajiet lokali ta' prevenzjoni fuq skala żgħira kontra nirien jew perikli naturali oħra; ***l-appoġġ jingħata lil dawn l-attivitajiet fi grad li ma jkunx akbar minn kemm ikunu kompatibbli mal-pjanijiet ta' prevenzjoni tan-nirien forestali lokali jew reġjonali;***

Emenda 84

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1 – punti c u d

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *istabiliment* u titjib ta' faċilitajiet ***għall-monitoraġġ tan-nirien fil-foresti, tal-organiżmi li jagħmlu ħsara u ta' mard u tagħmir ta' komunikazzjoni;***
(d) *l- tal-potenzjal ta' foresta li tkun saritilu ħsara minn nirien jew diżastri naturali oħra inklużi organiżmi li jagħmlu ħsara, mard u avvenimenti marbuta mat-tibdil fil-klima.*

Emenda

(c) *stabiliment* u titjib ta' faċilitajiet ***ta' tbassir u monitoraġġ tar-riskji*** tan-nirien, *pesti* u mard *forestali*, u tagħmir ta' komunikazzjoni ***fiż-żoni msagħgra;***

Emenda 85

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Żoni forestali klassifikati bħala riskju medju sa għoli skont il-pjan għall-protezzjoni tal-foresti stabbilit mill-Istati Membri, għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ relatat mal-prevenzjoni tan-nirien

Emenda

Skont it-termini tal-Artikolu 22(1)(b)a, żoni forestali klassifikati bħala riskju medju sa għoli skont il-pjan għall-protezzjoni tal-foresti stabbilit mill-Istati Membri, għandhom ikunu eliġibbli għal

fil-foresti.

appoġġ relatat mal-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti. *L-appoġġ skont l-Artikolu 22(1)(c) għandu jingħata biss jekk kemm-il darba l-appoġġ mogħti skont l-Artikolu 22(1)(b)a jkun ingħata qabel.*

Emenda 86

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(d) għandu jkun suġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri li jkun seħħ diżastru naturali u li dan id-diżastru jew il-miżuri adottati skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard jew organiżmi ta' ħsara kkawżaw il-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-potenzjal tal-foresti rilevanti. Dan il-perċentwal għandu jiġi determinat fuq il-bażi tal-potenzjal tal-foresti eżistenti fil-perjodu ta' tliet snin immedjatament qabel id-diżastru jew fuq il-medja tal-perjodu ta' ħames snin immedjatament qabel id-diżastru, minbarra l-ogħla entrata u dik l-iktar baxxa.

imħassar

Ġustifikazzjoni

The third paragraph is moved to Article 26.

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-ebda appoġġ taħt din il-miżura m'għandu jingħata għal telf ta' dħul li jirriżulta mid-diżastru naturali.

imħassar

L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpens

żejjed b'konsegwenza tal-kombinazzjoni ta' din il-miżura u strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi tal-assigurazzjoni privata jiġi evitat.

Ġustifikazzjoni

Ir-raba' paragrafu tqiegħed fl-Artikolu 26.

Emenda 88

**Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-appoġġ taħt *l-Artikolu 22(1)(d)* għandu jingħata lil persuni fiżiċi, sidien privati ta' foresti, korpi taħt il-liġi privata u semipubbliċi, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom. Fil-każ ta' foresti statali, l-appoġġ jista' jingħata wkoll lil korpi li jiġġestixxu tali foresti, li jkunu indipendenti mill-baġit statali.

Emenda

1. L-appoġġ taħt *l-Artikolu 22(1)(c) u (d)* għandu jingħata lil persuni fiżiċi, sidien privati ta' foresti, korpi taħt il-liġi privata u semipubbliċi, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom. Fil-każ ta' foresti statali, l-appoġġ jista' jingħata wkoll lil korpi li jiġġestixxu tali foresti, li jkunu indipendenti mill-baġit statali.

Emenda 89

**Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-investimenti għandhom ikunu mmirati lejn l-issodisfar tal-impenji meħuda għal għanijiet ambjentali, servizzi relatati mal-ekosistemi u/jew li jtejbu l-valur, tal-foresta jew art imsagħgra fiż-żona kkonċernata jew li jtejbu l-potenzjal tal-ekosistemi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, mingħajr ma jiġu esklużi benefiċċji ekonomiċi fiż-żmien twil.

Emenda

2. L-investimenti għandhom ikunu mmirati lejn:

(a) jingħieb lura l-potenzjal forestali danneġġat min-nirien jew diżastri naturali oħrajn, inklużi dawk ikkawżati mill-pesti, il-mard u t-tibdil klimatiku, u l-

ġrajjet katastrofiċi;

(b) l-issodisfar tal-impenji meħuda għal għanijiet ambjentali, servizzi relatati mal-ekosistemi u/jew li jtejbu l-valur, tal-foresta jew art imsaġġra fiż-żona kkonċernata jew li jtejbu l-potenzjal tal-ekosistemi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, mingħajr ma jiġu esklużi benefiċċji ekonomiċi fiż-żmien twil.

Emenda 90

**Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-appoġġ taħt il-paragrafu 2(a) għandu jkun suġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri li jkun seħħ diżastru naturali u li dan id-diżastru jew il-miżuri adottati skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard jew organiżmi ta' ħsara, jkunu kkawżaw il-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-potenzjal tal-foresti rilevanti. Dan il-perċentwal għandu jiġi determinat fuq il-bażi tal-potenzjal tal-foresti eżistenti fil-perijodu ta' tliet snin immedjatament qabel id-diżastru jew fuq il-medja tal-perijodu ta' ħames snin immedjatament qabel id-diżastru, minbarra l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa.

Emenda 91

**Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Ma jingħata l-ebda appoġġ skont it-termini tal-paragrafu 2(a) għal telf ta'

dħul li jirriżulta mid-diżastru naturali jew l-avveniment katastrofiku. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpens żejjed b'konsegwenza tal-kombinazzjoni ta' din il-miżura u strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi tal-assigurazzjoni privata jiġi evitat.

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 27 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Investimenti f'teknoloġiji **ġodda** tal-forestrija u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija

Emenda

investimenti f'teknoloġiji **ambjentalment sostenibbli** tal-forestrija u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 22(1)(e) għandu jingħata lil sidien ta' foresti privati, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u lill-SMEs għal investimenti **li jtejbu l-potenzjal** tal-forestrija jew li jkunu relatati mal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni li jġidu l-valur tal-prodotti tal-forestrija. Fit-territorji tal-Gżejjer Azores, il-Madejra, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 u d-Dipartimenti Franċiżi Extrakontinentali, l-appoġġ jista' jingħata wkoll lil intrapriżi li mhumiex SMEs.

Emenda

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 22(1)(e) għandu jingħata lil sidien ta' foresti privati, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u lill-SMEs għal investimenti **f'teknoloġiji ambjentalment sostenibbli** tal-forestrija jew li jkunu relatati mal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni li jġidu l-valur tal-prodotti tal-forestrija. Fit-territorji tal-Gżejjer Azores, il-Madejra, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 u d-Dipartimenti Franċiżi Extrakontinentali, l-appoġġ jista' jingħata wkoll lil intrapriżi li mhumiex SMEs.

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-investimenti marbuta mat-titjib tal-valur **ekonomiku** tal-foresti għandhom ikunu fil-livell tal-azjenda tal-forestrija u jistgħu jinkludu l-investimenti relatati ma' makkinarju u prattiki tal-ħsad li ma jagħmlux ħsara lill-ħamrija u lir-riżorsi.

Emenda

2. L-investimenti marbuta mat-titjib tal-valur **ambjentali** tal-foresti għandhom ikunu fil-livell tal-azjenda tal-forestrija u jistgħu jinkludu l-investimenti relatati ma' makkinarju u prattiki tal-ħsad li ma jagħmlux ħsara lill-ħamrija u lir-riżorsi **u li jkunu ta' valur ambjentali partikolari**.

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-pagamenti agroambjentali klimatiċi jkopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti permezz tal-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012 u obbligi rilevanti oħra stabbiliti taħt il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru DP/2012, rekwiżiti minimi rilevanti għal fertilizzanti u l-użu ta' prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti obbligatorji kollha għandhom ikunu identifikati fil-programm.

Emenda

3. Il-pagamenti agroambjentali klimatiċi jkopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn **b'mod sinifikanti** mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti permezz tal-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012 u obbligi rilevanti oħra stabbiliti taħt il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru DP/2012, rekwiżiti minimi rilevanti għal fertilizzanti u l-użu ta' prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti obbligatorji kollha għandhom ikunu identifikati fil-programm.

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-impenji skont din il-miżura għandhom jittieħdu għal perjodu ta' **bejn ħames u seba' snin**. Madankollu, fejn ikun meħtieġ

Emenda

5. L-impenji skont din il-miżura għandhom jittieħdu għal perjodu **determinat fil-programm u stabbilit b'massimu ta'**

biex jinkisbu jew jinżammu l-benefiċċji ambjentali mixtieqa, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom għal tipi ta' impenji partikolari, inkluż billi tiġi prevista estensjoni annwali wara t-terminazzjoni tal-perjodu inizjali.

flessibilità rigward il-perjodu ta' appoġġ. Madankollu, fejn ikun meħtieġ biex jinkisbu jew jinżammu l-benefiċċji ambjentali mixtieqa, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom għal tipi ta' impenji partikolari, inkluż billi tiġi prevista estensjoni annwali wara t-terminazzjoni tal-perjodu inizjali. ***L-Istati Membri jistgħu wkoll jiddeterminaw perjodu aqsar fil-programmi ta' żvilupp rurali għal tipi partikolari ta' impenji, jekk jintwera li l-benefiċċji ambjentali ma jiġux kompromessi. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw li l-perjodu jtul b'mod permanenti jekk l-impenji jkun miktubin bħala servitujiet fuq l-użu futur tal-art li mbagħad jiġu inskritti f'reġistru nazżjonali tal-artijiet.***

Ġustifikazzjoni

Bosta bdiewa ma jridux jimpenjaw ruħhom favur ċerti miżuri fuq perjodu ta' 5 snin, u r-riżultat ta' dan hu telf potenzjali ta' benefiċċju ambjentali. Għandhom jiġu permessi impenji ta' sena jekk l-Istat Membri jkun jista' jipprova li l-effetti ambjentali jew klimatiċi ma jkunux ipperikolati. Tali impenji għandu mnejn ikunu fattibbli għal, ngħidu aħna: biedja mingħajr pestiċidi (il-bexx b'bosta mill-pestiċidi għandu effett biss fl-istess sena u ma jkollu l-ebda effett kontra l-pesti għas-sena ta' wara).

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-ebda appoġġ skont din il-miżura ma jista' jingħata għal impenji li huma koperti taħt il-miżura tal-biedja organika.

Emenda

L-ebda appoġġ skont din il-miżura ma jista' jingħata għal impenji li huma koperti taħt il-miżura tal-biedja organika. ***L-ebda appoġġ abbażi ta' din il-miżura ma jista' jingħata għal impenji li jkun ta' benefiċċju għall-klima imma jkollhom impatt negattiv fuq l-ambjent.***

Ġustifikazzjoni

L-ewwel nett, huwa importanti li ż-żieda tal-kwestjonijiet klimatiċi fil-miżuri agroambjentali jkollha impatt pożittiv. It-tieni nett, hemm tħassib li baseline ġdid iħarbat it-tranżizzjoni bejn

il-miżuri agroambjentali l-qodma u l-ġodda. Għandha għaldaqstant tingħata attenzjoni speċifika ħalli jkun żgurat li l-użu u l-impatt tal-iskemi ma jonqsux. It-tielet nett, huwa wkoll importanti li jkun hemm garanzija li dawn il-miżuri jissoktaw sa għeluq il-perijodu ta' programmazzjoni.

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. L-appoġġ jista' jiġi provdut għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura għal operazzjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 8.

Emenda

9. Jingħata appoġġ għall-konservazzjoni **u l-użu sostenibbli** tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura għal operazzjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet taħt il-paragrafi 1 sa 8.

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

10a. *Abbażi tal-valutazzjoni ex-ante, l-Istati Membri għandhom jiffavorixxu l-miżuri agroambjentali li jkunu żiedu l-prestazzjoni ambjentali f'livell ta' azjenda agrikola u f'livell reġjonali, huma u jiżviluppaw skemi ambjentali ġodda jew dawk ġa eżistenti fil-perijodu li jmiss ta' programmazzjoni ħalli jżommu l-użu tal-iskemi, u jkabbru aktar l-impatt tagħhom.*

Emenda

10a. Abbażi tal-valutazzjoni ex-ante, l-Istati Membri għandhom jiffavorixxu l-miżuri agroambjentali li jkunu żiedu l-prestazzjoni ambjentali f'livell ta' azjenda agrikola u f'livell reġjonali, huma u jiżviluppaw skemi ambjentali ġodda jew dawk ġa eżistenti fil-perijodu li jmiss ta' programmazzjoni ħalli jżommu l-użu tal-iskemi, u jkabbru aktar l-impatt tagħhom.

Ġustifikazzjoni

L-ewwel nett, huwa importanti li ż-żieda tal-kwestjonijiet klimatiċi fil-miżuri agroambjentali jkollha impatt pożittiv. It-tieni nett, hemm tħassib li baseline ġdid iħarbat it-tranżizzjoni bejn il-miżuri agroambjentali l-qodma u l-ġodda. Għandha għaldaqstant tingħata attenzjoni speċifika ħalli jkun żgurat li l-użu u l-impatt tal-iskemi ma jonqsux. It-tielet nett, huwa wkoll importanti li jkun hemm garanzija li dawn il-miżuri jissoktaw sa għeluq il-perijodu ta' programmazzjoni.

Emenda 100

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10b. L-Istati Membri jiffaċilitaw dħul il-bdiew fl-iskemi ambjentali sa għeluq il-perijodu ta' programmazzjoni jekk l-objettivi jkunu għadhom ma ntlaħqux.

Ġustifikazzjoni

L-ewwel nett, huwa importanti li ż-żieda tal-kwestjonijiet klimatiċi fil-miżuri agroambjentali jkollha impatt pożittiv. It-tieni nett, hemm tħassib li baseline ġdid iħarbat it-tranżizzjoni bejn il-miżuri agroambjentali l-qodma u l-ġodda. Għandha għaldaqstant tingħata attenzjoni speċifika ħalli jkun żgurat li l-użu u l-impatt tal-iskemi ma jonqsux. It-tielet nett, huwa wkoll importanti li jkun hemm garanzija li dawn il-miżuri jissoktaw sa għeluq il-perijodu ta' programmazzjoni.

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jingħata għal kull ettaru ta' ŻAU lill-bdiewa jew gruppi ta' bdiewa li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja li jikkonvertu jew iżommu Prattiki u metodi tal-biedja organika kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jingħata għal kull ettaru ta' ŻAU lill-bdiewa jew gruppi ta' bdiewa li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja li jikkonvertu jew iżommu Prattiki u metodi tal-biedja organika kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007. ***L-inklużjoni ta' din il-miżura fil-programmi għall-iżvilupp rurali għandha tkun obbligatorja.***

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-impenji skont din il-miżura għandhom jittieħdu għal perjodu ta' bejn ħames u

3. L-impenji skont din il-miżura għandhom jittieħdu għal perjodu ta' bejn ħames u

seba' snin. Meta l-appoġġ jingħata għaż-żamma tal-biedja organika, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom għal estensjoni annwali wara t-terminazzjoni tal-ewwel perjodu ta' ħames snin.

seba' snin. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu li jinċentivizza lill-bdiewa jieħdu sehem fil-miżura ta' segwitu wara l-2020 ħalli tkun inkoraġġita l-adozzjoni ta' din il-miżura wkoll wara l-2015.*** Meta l-appoġġ jingħata għaż-żamma tal-biedja organika, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom għal estensjoni annwali wara t-terminazzjoni tal-ewwel perjodu ta' ħames snin.

Emenda 103

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-programmi tagħhom ta' żvilupp rurali kif din il-miżura tista' tkun kombinata ma' miżuri oħrajn fir-Regolament, b'riferiment speċifiku għall-Artikoli 17, 18, 28, 29, 31, 36 għat-twessigħ tal-biedja organika u għall-ksib ta' riżultati tajbin f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent u mal-objettivi ta' żvilupp ekonomiku rurali.

Ġustifikazzjoni

Ir-regolament għandhom jittraċċjaw b' mod ċar ħilet ir-reċipjenti tas-sostenn għall-biedja organika li jikkombinaw il-miżura organika mal-miżura addizzjonali ddelineata fir-regolament. Għal dan il-fini, jeħtieġ li l-Istati Membri jkunu kostretti jiddeskrivu fil-programmi tagħhom ta' żvilupp rurali kif l-aħjar jikkombinaw il-miżuri ħalli jintlaħqu l-objettivi ambjentali u ta' żvilupp ekonomiku rurali filwaqt li jqisu l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ikel Organiku u l-Agricoltura Organika u l-Pjan tal-UE għall-Azzjoni Organika.

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-appoġġ skont din il-miżura għandu jingħata kull sena u għal kull ettaru ta' ŻAU jew għal kull ettaru ta' foresti sabieħ jikkumpensa l-benefiċjarji għal spejjeż imġarrba u d-dħul mitluf li jirriżulta mill-iżvantaġġi fiż-żoni kkonċernati, marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43/KEE, 2009/147/KE, u 2000/60/KE.

Emenda

1. L-appoġġ skont din il-miżura għandu jingħata kull sena u għal kull ettaru ta' ŻAU jew għal kull ettaru ta' foresti sabieħ jikkumpensa l-benefiċjarji għal spejjeż imġarrba u d-dħul mitluf li jirriżulta mill-iżvantaġġi fiż-żoni kkonċernati, marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43/KEE, 2009/147/KE, u 2000/60/KE. ***Għar-reqwiżiti ta' natura permamenti, l-appoġġ jista' jieħu l-forma ta' pagament ta' darba għal kull ettaru ta' ŻAU jew foresti ħalli jkun kopert il-kumpens sħiħ. F'dan il-każ ir-reqwiżiti jridu jinkitbu bħala servitujiet fuq l-użu futur tal-art u li jkunu inskritti f'reġistru nazzjonali tal-artijiet. F'każijiet debitament ġustifikati l-appoġġ jista' jingħata abbażi ta' kostijiet unitarji għajr skont l-etturu, pereżempju skont il-kilometraġġ ta' miġra.***

Alternattivament, l-appoġġ jista' jkopri l-investimenti mhux produttivi tanġibbli u/jew intanġibbli li jkunu neċessarji għall-ottemperanza mar-reqwiżiti marbutin mad-Direttivi 2009/147/KE, 92/43KEE u 2000/60/KE.

Emenda 105

**Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 6 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) żoni oħra delimitati ta' protezzjoni tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għal biedja jew foresti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE. Dawn iż-żoni, skont il-programm ta' żvilupp rurali, m'għandhomx jaqbżu 7 % taż-żoni identifikati tan-Natura 2000 koperti bl-ambitu territorjali tiegħu;

Emenda

(b) żoni oħra delimitati ta' protezzjoni tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għal biedja jew foresti li jikkontribwixxu ***għat-titjib tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet skont l-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE***, għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE ***u għall-ispeċijiet kollha tal-ġhasafar skont it-termini tal-***

Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/147/KE.
Dawn iż-żoni **msemmija f'dan il-punt**, skont il-programm ta' żvilupp rurali, m'għandhomx jaqbżu 7 % taż-żoni identifikati tan-Natura 2000 koperti bl-ambitu territorjali tiegħu;

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li din il-miżura tintuża wkoll ħalli tolqot l-ispeċijiet barra miż-żoni Natura 2000, b'mod partikolari l-ispeċijiet li huma mhedda b'mod speċifiku fl-Ewropa. Għall-fini ta' fokus, huwa imporanti li jkun ikkjarifikat liema huma dawn l-ispeċijiet u habitats li għandhom ikunu milqutin. Huwa importanti li kull sostenn mogħti lill-inħawi milqutin minn dawn id-Direttiva għandu jkollha bħala kondizzjoni l-obbligi speċifiċi ta' ġestjoni ħalli jkunu ffaċilitati l-bidliet għall-ġestjoni tal-art rikjesti ħalli jintlaħqu l-objettivi tad-Direttivi.

Emenda 106

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) żoni agrikoli inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni taż-żoni idrografiċi skont id-Direttiva 2000/60/KE.

Emenda

(c) żoni agrikoli **u żoni forestali** inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni taż-żoni idrografiċi skont id-Direttiva 2000/60/KE.

Emenda 107

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-pjan ta' finanzjament, jiġu ppreżentati baġits separati għal żoni agrikoli tan-Natura 2000, żoni forestali tan-Natura 2000 u pagamenti fl-ambitu tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li wieħed jara kemm mill-baġit se jkun disponibbli għall-foresti u għall-art agrikola skont din il-miżura. Dan għal raġunijiet ta' trasparenza, billi qabel dawn kienu miżuri separati.

Emenda 108

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- **5. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti skont din il-miżura bejn l-2014 u l-2017 lil bdiewa f'żoni li kienu eliġibbli skont l-Artikolu 36(a)(ii) tar-Regolament (KE) 1698/2005 matul il-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 iżda li m'għadhomx eliġibbli wara d-delimitazzjoni l-ġdida msemmija fl-Artikolu 46(3). Dawn il-pagamenti għandhom ikunu digressivi billi jibdew fl-2014 bi 80 % tal-pagament li jasal fl-2013 u li jintemmu fl-2017 b'20%.**

- **imħassar**

Emenda 109

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) sistemi ta' Biedja b'Valur Naturali Għoli;

Emenda 110

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex ikunu eliġibbli għal pagamenti skont l-Artikolu 32, żoni, minbarra żoni muntanjużi, għandhom jitqiesu li huma affettwati minn restrizzjonijiet naturali

Sabiex ikunu eliġibbli għal pagamenti skont l-Artikolu 32, żoni, minbarra żoni muntanjużi, għandhom jitqiesu li huma affettwati minn restrizzjonijiet naturali

sinifikanti jekk mill-inqas **66% tal-ŻAU** tissodisfa mill-inqas waħda mill-kriterji elenkati fl-Anness II fil-valur minimu indikat. L-issodisfar ta' din il-kundizzjoni għandu jiġi żgurat fil-livell **xieraq tal-unitajiet amministrattivi lokali (il-livell tal-“LAU 2” – Local Administrative Units 2)**.

sinifikanti jekk mill-inqas **50% taż-ŻAU** tissodisfa **jew** mill-inqas waħda mill-kriterji elenkati fl-Anness II fil-valur minimu indikat **jew kriterji bijofiżiċi kombinati tas-sistema tal-indiċi li titħaddem bħalissa fil-livell tal-Istati Membri**. L-issodisfar ta' din il-kundizzjoni għandu jiġi żgurat fil-livell LAU 2 **jew iżgħar mil-LAU 2, pereżempju l-parroċċi**.

Emenda 111

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jagħmlu d-delimitazzjoni taż-żoni kkonċernati b'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom iwettqu eżerċizzju ta' rfinar, ibbażat fuq kriterji oġġettivi, bl-għan li jiġu esklużi żoni li fihom ġew dokumentati restrizzjonijiet naturali sinifikanti skont l-ewwel subparagrafu iżda li ġew meġhluba b'investimenti jew b'attività ekonomika.

Emenda

Meta jagħmlu d-delimitazzjoni taż-żoni kkonċernati b'dan il-paragrafu, **għajr dawk maħturin bħala ristretti b'mod naturali mill-kriterju tal-klima fl-Anness II**, l-Istati Membri għandhom iwettqu eżerċizzju ta' rfinar, ibbażat fuq kriterji oġġettivi, bl-għan li jiġu esklużi żoni li fihom ġew dokumentati restrizzjonijiet naturali sinifikanti skont l-ewwel subparagrafu iżda li ġew meġhluba b'investimenti jew b'attività ekonomika.

Emenda 112

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pagamenti għall-benesseri tal-annimali skont din il-miżura għandhom jingħataw lil bdiewa li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'wieħed jew aktar impenji għall-benesseri tal-annimali.

Emenda

1. Il-pagamenti għall-benesseri tal-annimali skont din il-miżura għandhom jingħataw lil bdiewa li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'wieħed jew aktar impenji għall-benesseri tal-annimali, **u li jmur lil hinn mir-reqwiżiti legali**.

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-pagamenti bbażati fuq iż-żona jew ibbażati fuq spejjeż unitarji oħra għandhom jingħataw kull sena u għandhom jikkumpensaw lill-bdiewa għal spejjeż addizzjonali u dħul mitluf li jirriżulta mill-impenn meħud. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru wkoll spejjeż ta' tranżazzjoni sal-valur massimu ta' 20% tal-primjum imħallas għall-impenji relatati mal-benessri tal-annimali.

Emenda

3. Il-pagamenti bbażati fuq iż-żona jew ibbażati fuq spejjeż unitarji oħra għandhom jingħataw kull sena u għandhom jikkumpensaw lill-bdiewa għal spejjeż addizzjonali u dħul mitluf li jirriżulta mill-impenn meħud. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru wkoll spejjeż ta' tranżazzjoni sal-valur massimu ta' 20% tal-primjum imħallas għall-impenji relatati mal-benessri tal-annimali. ***Indikaturi tal-benessri tal-annimali orjentati lejn ir-riżultati għandhom jintużaw għad-determinazzjoni ta' jekk il-pjanijiet imorrux lil hinn mir-rekwiżiti legali u għad-determinazzjoni tal-livell ta' appoġġ għall-bdiewa.***

Ġustifikazzjoni

L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni u l-Benessri tal-Annimali 2012-2015 tirreferi wkoll għall-“użu ta' indikaturi tal-benessri tal-annimali bbażati fuq ix-xjenza bħala mezz possibbli għas-simplifikazzjoni tal-qafas legali u biex iħallu l-flessibilità ttejjeb il-kompetittività tal-produtturi tal-bhejjem”.

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jingħata għal kull ettaru ta' foresta lil sidien privati ta' foresti, sidien ta' foresti, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom li jimpenjaw ruħhom fuq bażi volontarja li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'impniji ambjentali wieħed jew aktar b'rabta mal-foresti. Il-korpi li jiġġestixxu foresti proprjetà tal-istat jistgħu jibbenefikaw ukoll minn appoġġ ***sakemm***

Emenda

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jingħata għal kull ettaru ta' foresta lil sidien privati ta' foresti, sidien ta' foresti, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom li jimpenjaw ruħhom fuq bażi volontarja li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'impniji ambjentali wieħed jew aktar b'rabta mal-foresti. Il-korpi li jiġġestixxu foresti proprjetà tal-istat jistgħu jibbenefikaw ukoll minn appoġġ.

ikunu indipendenti mill-baġit tal-istat.

Emenda 115

Proposta għal regolament Artikolu 35 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-pagamenti għandhom ikopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji rilevanti stabbiliti bl-att nazzjonali dwar il-forestrija jew leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti oħra. Dawn ir-rekwiżiti kollha għandhom jiġu identifikati fil-programm.

Emenda

2. Il-pagamenti għandhom ikopru biss dawk l-impenji li jmorru ***b'mod sinifikanti*** lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji rilevanti stabbiliti bl-att nazzjonali dwar il-forestrija jew leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti oħra. Dawn ir-rekwiżiti kollha għandhom jiġu identifikati fil-programm.

Emenda 116

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) tagħrif u attivitajiet ta' promozzjoni marbutin mal-iżvilupp ta' prodotti skont skemi ta' kwalità permezz ta' sistemi ta' biedja bħalma huma l-biedja organika u l-biedja b'VNGh;

Ġustifikazzjoni

Ir-regolament ta' bħalissa jippermetti lill-Istati Membri jsostnu attivitajiet ta' tagħrif u ta' promozzjoni ta' gruppi ta' produttori ta' skemi ta' kwalità bħalma hu s-suq tal-ikel organiku. L-inklużjoni ta' dan is-sostenn skont ir-regolament il-ġdid se jippermetti finanzjamenti konġunti tal-UE għall-attivitajiet ta' żvilupp tas-suq li jkunu kritiċi għall-iżvilupp tas-suq organiku. Is-"sostenn fil-katina alimentari organika" jista' joħloq inċentiv għaż-żieda fl-ammont ta' ikel organiku fir-refettorji tal-iskejjel u fid-djar għall-pensjonanti.

Emenda 117

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) sostenn fil-katina alimentari organika;

Ġustifikazzjoni

Ir-regolament ta' bħalissa jippermetti lill-Istati Membri jsostnu attivitajiet ta' tagħrif u ta' promozzjoni ta' gruppi ta' produtturi ta' skemi ta' kwalità bħalma hu s-suq tal-ikel organiku. L-inklużjoni ta' dan is-sostenn skont ir-regolament il-ġdid se jippermetti finanzjamenti konġunti tal-UE għall-attivitajiet ta' żvilupp tas-suq li jkunu kritiċi għall-iżvilupp tas-suq organiku. Is-"sostenn fil-katina alimentari organika" jista' joħloq inċentiv għaż-żieda fl-ammont ta' ikel organiku fir-refettorji tal-iskejjel u fid-djar għall-pensjonanti.

Emenda 118

Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) il-kooperazzjoni bejn l-atturi fil-katina tal-fornitura għall-promozzjoni ta' sistemi ta' produzzjoni favur il-benessri tal-annimali.

Ġustifikazzjoni

Il-miżura ta' kooperazzjoni hija għodda tajba għall-integrazzjoni tal-benessri tal-annimali fil-katina alimentari bl-involviment tad-diversi atturi u għalhekk billi jingħata kontribut lill-iżvilupp ta' trobbija tal-bhejjem b'mod sostenibbli.

Emenda 119

Proposta għal regolament Artikolu 37

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkopri:

imħassar

(a) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, imħallsa direttament lill-bdiewa, bħala primjums għal assigurazzjoni tal-prodotti tar-raba', annimali u pjanti kontra telf ekonomiku kkawżat minn avvenimenti klimatiċi negattivi jew mard tal-annimali jew tal-pjanti jew infestazzjoni tal-organiżmi li jagħmlu ħsara;

(b) kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi għall-ħlas ta' kumpens finanzjarju lill-bdiewa, għal telf ekonomiku kkawżat mit-tifrix ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti jew inċident ambjentali;

(c) għodda għall-istabilizzazzjoni tad-dħul, fil-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi, li tipprovdi kumpens lill-bdiewa li jesperjenzaw tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 punti (b) u (c), "fond mutwu" għandu jfisser skema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu biex il-bdiewa affiljati jassiguraw lilhom infushom, filwaqt li pagamenti ta' kumpens isiru lil bdiewa affiljati affettwati minn telf ekonomiku kkawżat mit-tifrix ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti jew inċident ambjentali jew li jesperjenzaw tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat il-kumpens żejjed b'konsegwenza tal-kombinazzjoni ta' din il-miżura ma' strumenti oħra tal-appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi tal-assigurazzjoni privati. L-appoġġ dirett għad-dħul riċevut taħt il-Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni (iktar 'il quddiem "FEG") għandu wkoll jiġi kkunsidrat meta jiġu stmati l-livelli tad-dħul tal-bdiewa.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 b'rabta mat-tul taż-żmien minimu u massimu tas-self kummerċjali għal fondi mutwi msemmija fl-

Artikoli 39(3)(b) u 40(4).

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda ħtieġa li jkun inkluż sostenn għal introjtu żejjed kontra r-riskji fil-pilastru 2, billi l-pilastru 1 ġa għandu bażi ta' sostenn tal-introjtu. L-għan tal-pilastru 2 hu li jidderiġi lill-bdiewa u l-ġesturi tal-art f'żoni rurali lejn sistema agroekoloġika aħjar u li tirkupra aktar malajr mid-dehxiet. Jekk jitqiesu neċessarji l- miżuri ta' ġestjoni tar-riskju, dawn għandhom ikunu inklużi fl-ewwel pilastru, flimkien mas-sistemi ġenerali ta' sostenn tal-introjtu.

Emenda 120

Proposta għal regolament Artikolu 38

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 37(1)(a) għandu jingħata biss għal kuntratti tal-assigurazzjoni li jkopru t-telf ikkawżat minn avveniment klimatiku negattiv jew minn mard tal-annimali jew tal-pjanti jew infestazzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara jew miżura adottata skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard tal-pjanti jew organiżmi ta' ħsara għalihom li jeqirdu iżjed minn 30 % tal-produzzjonu annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu preċedenti ta' ħames snin, esklużi l-ogħla entrata u dik l-iktar baxxa.

imħassar

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tirrikonoxxi formalment li jkun seħħ avveniment klimatiku negattiv jew it-tifqigħ ta' marda tal-annimali jew tal-pjanti jew infestazzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara. L-Istati Membri jistgħu, fejn xieraq, jistabbilixxu bil-quddiem il-kriterji li fuq il-bażi tagħhom dan ir-rikonoxximent formali għandu jitqies li ngħata.

3. Il-pagamenti tal-assigurazzjoni għandhom jikkumpensaw għal mhux iżjed mit-total tal-ispiża għar-restituzzjoni

tat-telf msemmi fl-Artikolu 37(1)(a) u m'għandhomx jirrikjedu jew jispeċifikaw it-tip jew il-kwantità tal-produzzjoni futura. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-primjum li hu eliġibbli għall-appoġġ billi japplikaw limiti massimi xierqa.

4. L-appoġġ għandu jkun limitat għal rata massima stabbilita fl-Anness I.

Ġustifikazzjoni

L-għan tal-pilastru 2 hu li jidderiġi lill-bdiewa u l-ġesturi tal-art f'żoni rurali lejn sistemi agroekoloġika aħjar u aktar reżiljenti. Il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju jkomplu jnaqqsu l-finanzjament għall-iżvilupp rurali, li hu kruċjali għall-investiment fil-prattiki sostenibbli.

Emenda 121

Proposta għal regolament Artikolu 39

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
– 1. Sabiex ikun eliġibbli għall-appoġġ, il-fond mutwu kkonċernat għandu:	– imħassar
– (a) jiġi akkreditat mill-awtorità kompetenti skont il-liġi nazzjonali;	–
– (b) ikollu politika trasparenti dwar id-depożiti fil-fond u l-ġbid minnu;	–
– (c) ikollu regoli ċari li jattribwixxu r-responsabbiltajiet għal kwalunkwe dejn sostnut;	–
– 2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi mutwi, b'mod partikolari għall-ġhoti ta' pagamenti ta' kumpens lill-bdiewa f'każ ta' kriżi u għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-regoli.	–
– 3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 37(1)(b) jistgħu jkunu marbuta biss ma':	–

- (a) *l-ispejjeż amministrattivi għall-istabbiliment tal-fond mutwu, mifruxa fuq massimu ta' tliet snin b'mod digressiv;* –
- (b) *l-ammonti mħallsa mill-fond mutwu bħala kumpens finanzjarju lill-bdiewa. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tkun marbuta mal-interess fuq is-self kummerċjali meħud mill-fond mutwu għall-finijiet tal-ħlas tal-kumpens finanzjarju lill-bdiewa f'każ ta' kriżi. L-ebda kontribuzzjoni mill-fondi pubbliċi m'għandha ssir lill-kapital azzjonarju inizjali.* –
- **4. Fir-rigward tal-mard tal-annimali, il-kumpens finanzjarju skont l-Artikolu 37(1)(b) jista' jingħata biss fir-rigward tal-mard imsemmi fil-lista ta' mard tal-annimali stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u/jew fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE.** –
- **5. L-appoġġ għandu jkun limitat għar-rata massima tal-appoġġ stabbilita fl-Anness I.** –
- **L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-appoġġ billi japplikaw:** –
- (a) *limiti massimi għal kull fond;* –
- (b) *limiti massimi xierqa għal kull unità.* –

Ġustifikazzjoni

L-għan tal-pilastru 2 hu li jidderiġi lill-bdiewa u l-ġesturi tal-art f'żoni rurali lejn sistemi agroekoloġika aħjar u aktar reżiljenti. Il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju jkomplu jnaqqsu l-finanzjament għall-iżvilupp rurali, li hu kruċjali għall-investiment fil-prattiki sostenibbli.

Emenda 122

Proposta għal regolament Artikolu 40

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
<p>– 1. L-appoġġ taħt l-Artikolu 37(1)(c) jista' jingħata biss meta t-tnaqqis fid-dħul jeċċedi 30 % tad-dħul annwali medju tal-bidwi individwali fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu preċedenti ta' ħames snin minbarra l-ogħla entrata u dik l-iktar baxxa. Id-dħul għall-finijiet tal-Artikolu 37(1)(c) għandu jirreferi għas-somma tad-dħul li l-bidwi jirċievi mis-suq, inkluż kwalunkwe forma ta' appoġġ pubbliku, wara li jtnaqqsu l-ispejjeż tal-inputs. Il-pagamenti mill-fond mutwu lill-bdiewa għandhom jikkumpensaw għal mhux iżjed minn 70 % tad-dħul mitluf.</p>	<p>– imħassar</p>
<p>– 2. Sabiex ikun eliġibbli għall-appoġġ, il-fond mutwu kkonċernat għandu:</p>	<p>–</p>
<p>– (a) jiġi akkreditat mill-awtorità kompetenti skont il-liġi nazzjonali;</p>	<p>–</p>
<p>– (b) ikollu politika trasparenti dwar id-depożiti fil-fond u l-għbid minnu;</p>	<p>–</p>
<p>– (c) ikollu regoli ċari li jattribwixxu r-responsabbiltajiet għal kwalunkwe dejn sostnut;</p>	<p>–</p>
<p>– 3. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi mutwi, b'mod partikolari għall-għoti ta' pagamenti ta' kumpens lill-bdiewa f'każ ta' kriżi u għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-</p>	<p>–</p>

- regoli.*
- **4. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemija fl-Artikolu 37(1)(c) jistgħu jkunu marbuta biss mal-ammonti mħallsa mill-fond mutwu bħala kumpens finanzjarju lill-bdiewa. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tkun marbuta mal-interess fuq is-self kummerċjali meħud mill-fond mutwu għall-finijiet tal-ħlas tal-kumpens finanzjarju lill-bdiewa f'każ ta' kriżi. L-ebda kontribuzzjoni mill-fondi pubbliċi m'għandha ssir lill-kapital azzjonarju inizjali.** –

Ġustifikazzjoni

L-għan tal-pilastru 2 hu li jidderiġi lill-bdiewa u l-ġesturi tal-art f'żoni rurali lejn sistemi agroekoloġika aħjar u aktar reżiljenti. Il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju jkomplu jnaqqsu l-finanzjament għall-iżvilupp rurali, li hu kruċjali għall-investiment fil-prattiki sostenibbli. Minflok, il-miżuri tas-suq fl-ambitu tal-ewwel pilastru għandhom ikunu żviluppi ħalli jippermettu l-istabilizzazzjoni tas-suq u l-prezzijiet ġusti għall-bdiewa u l-produtturi.

Emenda 123

Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
–	– <i>(ba) il-possibilità għall-gruppi ta' azzjoni lokali eżistenti (LAGs) li jwettqu r-riċerka u l-pjanifikazzjoni tal-proġetti tal-komunità li jkunu neċessarji għall-applikazzjoni għal oqsma ġodda li jkunu koperti mill-programm Leader.</i>

Emenda 124

Proposta għal regolament Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

–

Emenda

– **(ba) il-promozzjoni ta' attivitajiet maħsuba għal ikel alternattiv, taħriġ tas-saħħa u kampanji ta' parteċipazzjoni, inizjattivi tal-awtosuffiċjenza nutrittiva u attivitajiet maħsuba għall-produzzjoni tal-kwalità tal-ikel u l-benessri tal-annimali.**

Emenda 125

Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex ikunu eliġibbli għal operazzjonijiet tal-FAEŻR, l-investimenti ta' appoġġ għandhom jiġu preċeduti b'evalwazzjoni tal-impatt ambjentali mistenni f'konformità mal-leġiżlazzjoni speċifika għal dak it-tip ta' investiment fejn l-investiment aktarx li jkollu effetti negattivi fuq l-ambjent.

Emenda

1. Sabiex ikunu eliġibbli għal operazzjonijiet tal-FAEŻR, l-investimenti ta' appoġġ għandhom jiġu preċeduti b'evalwazzjoni tal-impatt ambjentali mistenni f'konformità mal-leġiżlazzjoni speċifika għal dak it-tip ta' investiment fejn l-investiment aktarx li jkollu effetti negattivi fuq l-ambjent. ***Għandhom jiġu appoġġati biss dawk l-investimenti li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-protezzjoni tal-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali, u li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti legali b'mod sinifikanti.***

Emenda 126

Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib tal-proprietà immobbli;

Emenda

(a) il-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib tal-proprietà immobbli, ***filwaqt***

*li tingħata prijorità lit-tagħmir għall-
iffrankar tal-enerġija u li jkun favur il-
klima;*

Emenda 127

Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ix-xiri jew ix-xiri bil-kiri ta' makkinarju u tagħmir ġdid inkluż softwer tal-kompjuter sal-valur fis-suq tal-*ass*;

Emenda

(b) ix-xiri jew ix-xiri bil-kiri ta' makkinarju u tagħmir ġdid inkluż softwer tal-kompjuter sal-valur fis-suq tal-*assi*, ***filwaqt li tingħata prijorità lit-tagħmir għall-iffrankar tal-enerġija u li jkun favur il-klima;***

Emenda 128

Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fil-każ tal-irrigazzjoni, huma biss l-investimenti li jwasslu għal tnaqqis tal-użu preċedenti tal-ilma ta' mill-inqas 25% li għandhom jitqiesu bħala nefqa eliġibbli. Permezz ta' deroga, fl-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni mill-2004 lil hawn, l-investimenti f'installazzjonijiet tal-irrigazzjoni ġodda jistgħu jitqiesu bħala nefqa eliġibbli f'każijiet fejn analiżi ambjentali tagħti prova li l-investment ikkonċernat hu sostenibbli u m'għandu l-ebda impatt ambjentali negattiv.

Emenda

3. Fil-każ tal-irrigazzjoni, huma biss l-investimenti li jwasslu għal tnaqqis tal-użu preċedenti tal-ilma ta' mill-inqas 25% ***jew għar-riutilizzazzjoni tal-ilma*** li għandhom jitqiesu bħala nefqa eliġibbli. Permezz ta' deroga, fl-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni mill-2004 lil hawn, l-investimenti f'installazzjonijiet tal-irrigazzjoni ġodda jistgħu jitqiesu bħala nefqa eliġibbli f'każijiet fejn analiżi ambjentali tagħti prova li l-investment ikkonċernat hu sostenibbli u m'għandu l-ebda impatt ambjentali negattiv.

Emenda 129

Proposta għal regolament Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għandu jkun hemm Netwerk tas-SEI li jappoġġja s-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola msemmija fl-Artikolu 61, skont l-Artikolu 51(1). Dan għandu jippermetti n-netwerking ta' gruppi operazzjonali, servizzi konsultattivi u riċerkaturi.

Emenda

1. Għandu jkun hemm Netwerk tas-SEI li jappoġġja s-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola msemmija fl-Artikolu 61, skont l-Artikolu 51(1). Dan għandu jippermetti n-netwerking ta' gruppi operattivi, servizzi konsultattivi, **NGOs, korpi kummerċjali** u riċerkaturi.

Ġustifikazzjoni

Jekk dawn is-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni għandhom jirnexxu, l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi għandhom ikunu jistgħu jaċċedu għan-netwerk u jikkontribwixxu għalih daqs ħaddieħor. Ma hemm l-ebda raġuni l-għala ma għandhomx jissemew b' mod ċar ġa fit-test.

Emenda 130

Proposta għal regolament Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jinforma lill-pubbliku ġenerali u l-benefiċjarji potenzjali dwar il-politika għall-iżvilupp rurali;

Emenda

(c) jinforma lill-pubbliku ġenerali u l-benefiċjarji potenzjali dwar il-politika għall-iżvilupp rurali **u opportunitajiet ta' finanzjament;**

Emenda 131

Proposta għal regolament Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tippromowvi settur agrikolu *b'riżorsi* effiċjenti, produttiv, b'livell baxx ta' emissjonijiet, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u *reżistenti* għat-tibdil fil-klima, li jaħdem f'armonija mar-riżorsi naturali

Emenda

(a) tippromowvi settur agrikolu **u forestali** li *juża r-riżorsi b' mod* effiċjenti, **li jiffranka l-enerġija**, produttiv, b'livell baxx ta' emissjonijiet, **favur il-benessri tal-annimali**, li ma jagħmilx ħsara lill-

essenzjali li fuqhom tiddependi l-biedja;

klima u *reżiljenti* għat-tibdil fil-klima, li jaħdem f'armonija mar-riżorsi naturali essenzjali li fuqhom tiddependi l-biedja;

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjalil li t-tisħib għall-innovazzjoni jintuża għat-titjib tal-benessri tal-annimali bħala parti minn biedja sostenibbli skont l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Emenda 132

Proposta għal regolament Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *ittejjeb il-proċessi* tal-preservazzjoni tal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu;

Emenda

(c) *jiffoka fuq it-titjib tal-proċessi* tal-preservazzjoni tal-ambjent, *il-promozzjoni ta' sistemi ta' produzzjoni agroekoloġiċi u prattiċi agrikoli ta' input baxx*, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, *filwaqt li jipproteġi l-benessri tal-annimali*;

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 13 tat-Trattat jiddisponi li l-UE tagħti kunsiderazzjoni sħiħa lill-benessri tal-annimali fl-adozzjoni tal-politiki agrikoli; l-UE għandha tiżgura li l-attivitajiet skont it-tisħib għall-inovazzjoni ma jkollhomx impatti negattivi fuq il-benessri tal-annimali li jipproduċu, imma minflok jippromwovuh.

Emenda 133

Proposta għal regolament Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) tibni pontijiet bejn ir-riċerka, l-għarfien u t-teknoloġija avvanzati u l-bdiewa, in-negozji u s-servizzi konsultattivi.

Emenda

(d) tibni pontijiet bejn ir-riċerka, l-għarfien u t-teknoloġija avvanzati u l-bdiewa, *il-ġesturi tal-foresti, min irabbi n-naħal*, in-negozji u s-servizzi konsultattivi.

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Gruppi operazzjonali tas-SEI għandhom jiffurmaw parti mis-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola. Huma għandhom jiġu stabbiliti minn atturi interessati bħal bdiewa, riċerkaturi, konsulenti u negozji involuti fis-settur agrikolu u tal-ikel.

Emenda

1. Gruppi operazzjonali tas-SEI għandhom jiffurmaw parti mis-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola **u forestali**. Huma għandhom jiġu stabbiliti minn atturi interessati bħal bdiewa, riċerkaturi, konsulenti u negozji involuti fis-settur agrikolu u tal-ikel.

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Mill-inqas **5 %** tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-programm ta' żvilupp rurali għandha tkun irriservata għal-Leader.

Emenda

5. Mill-inqas **10 %** tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-programm ta' żvilupp rurali għandha tkun irriservata għal-Leader.

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Mill-anqas 35 % tal-kontribut totali tal-FAEŻR għall-programm ta' żvilupp rurali jkun mgħellem għat-tafja tal-bidla klimatika u l-adattament għalihom, u għall-ġestjoni sostenibbli tal-art, permezz tal-pagamenti tal-klima agroambjentali, il-biedja organika, ta' Natura 2000 u tad-Direttiva Qafas għall-Ilma, pagament għal inħawi li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew oħrajn speċifiċi, għall-investimenti għat-titjib tar-reżiljenza u tal-valur ambjentali tal-ekosistemi forestali, għas-servizzi forestali-ambjentali u klimatiċi u għall-konservazzjoni tal-foresti. Addizzjonalment, l-Istati Membri

jżomm mill-anqas il-livell ta' sforzi li għamlu f'dan il-qasam matul il-perijodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Ġustifikazzjoni

Fil-perijodu kurrenti ta' programmazzjoni, ġa għandna 25 % nfiq minimu għall-assi 2; dan għandu jiżdied għal minimu ta' 35 % nfiq. Il-miżuri ambjentali speċifiċi kollha għandhom ikunu inklużi (AEC, organiċi, Natura 2000, WFD, ambjent forestali, eċċ).

Emenda 137

**Proposta għal regolament
Artikolu 66**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-fondi trasferiti lill-FAEŻR bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru DP/2012 għandhom jiġu riservati għal proġetti li jipprovdu kontribuzzjoni sinifikanti għall-innovazzjoni rilevanti għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola, inklużi l-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

Emenda

Il-fondi trasferiti lill-FAEŻR bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru DP/2012 għandhom jiġu riservati għal proġetti li jipprovdu kontribuzzjoni sinifikanti għall-innovazzjoni rilevanti għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola, inklużi l-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima ***u/jew*** l-adattament għalih. ***Il-miżuri ta' innovazzjoni għandhom ukoll jikkontribwixxu għat-titjib tas-sostenibilità ambjentali tal-biedja u tal-katina alimentari u f'ebda każ ma għandhom jagħmlu ħsara lill-obiettivi ambjentali tal-PAK jew il-ksib ta' riżultati ambjentali tajbin ta' miżuri oħrajn.***

Ġustifikazzjoni

L-esperjenza mgħoddija tgħallimna li għandha noqogħdu b'seba' għajnejn mal-miżuri ta' innovazzjoni li ma jkollhomx salvagwardji ambjentali.

Emenda 138

Proposta għal regolament Artikolu 79 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat għall-Monitoraġġ għandhom iwettqu l-monitoraġġ ta' kull programm ta' żvilupp rurali permezz ta' indikaturi finanzjarji, tal-eżitu u tal-miri.

Emenda

2. L-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat għall-Monitoraġġ għandhom iwettqu l-monitoraġġ ta' kull programm ta' żvilupp rurali permezz ta' indikaturi finanzjarji, tal-eżitu, **tal-impatt**, u tal-miri.

Ġustifikazzjoni

L-indikaturi tal-impatt huma neċessarji ħalli jitkejjel jekk l-RDPs ikollhomx impatt reali.

Emenda 139

Proposta għal regolament Annes I - ringiela “Artikolu 18(3)” – kolonna 4

Test propost mill-Kummissjoni

Settur agrikolu

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda

Tal-ammont tal-investiment eliġibbli fil-gżejjer żgħar tal-Eġew

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra

Dawn ir-rati jistgħu jiġu miżjuda b'20%, sakemm l-appoġġ massimu kkombinat ma jaqbiżx 90% għall:

- Bdiewa żgħażaġħ li jkunu qed jistabbilixxu ruħhom
- Investimenti kollettivi u proġetti integrati
- Żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali kif imsemmi fl-Artikolu 33.
- Operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas tas-SEI

Emenda

Settur agrikolu

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda

Tal-ammont tal-investiment eliġibbli fil-gżejjer żgħar tal-Eġew

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra

Dawn ir-rati jistgħu jiġu miżjuda b'20%, sakemm l-appoġġ massimu kkombinat ma jaqbiżx 90% għall:

- Bdiewa żgħażaġħ li jkunu qed jistabbilixxu ruħhom
- Investimenti kollettivi u proġetti integrati
- Żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali kif imsemmi fl-Artikolu 33.
- Operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas tas-SEI

Iproċessar u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-Anness I

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda

Tal-ammont tal-investiment eliġibbli fil-gżejjer żgħar tal-Eġew

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra

Ir-rati ta' hawn fuq jistgħu jiżdiedu b'20%, sakemm l-appoġġ massimu kkombinat ma jaqbiżx 90%, għal operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas tas-SEI

– **Bdiewa Organiċi**

– **miżuri għat-twettiq ta' Natura 2000 u tad-Direttiva Qafas għall-Ilma**

– **Skemi agroambjentali**

Iproċessar u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-Anness I

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda

Tal-ammont tal-investiment eliġibbli fil-gżejjer żgħar tal-Eġew

Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra

Ir-rati ta' hawn fuq jistgħu jiżdiedu b'20%, sakemm l-appoġġ massimu kkombinat ma jaqbiżx 90%, għal operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas tas-SEI

Emenda 140

**Proposta għal regolament
Anness I – ringiela “Artikolu 31(7)”**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>			
31(7)	Pagamenti skont Natura 2000 u d-Direttiva Qafas dwar l-ilma	500(*)	Massimu għal kull ettaru fis-sena <i>fil-perjodu inizjali li ma jaqbiżx ħames snin</i>
		200(*)	<i>Massimu għal kull ettaru fis-sena</i>
		50	Minimu għal kull ettaru fis-sena għal pagamenti skont id-Direttiva Qafas dwar l-ilma
 <i>Emenda</i>			
31(7)	Pagamenti skont Natura 2000 u d-Direttiva Qafas dwar l-	500(*)	Massimu għal kull ettaru fis-sena

ilma

50

Minimu għal kull ettaru fis-sena għal pagamenti skont id-Direttiva Qafas dwar l-ilma

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda raġuni l-għala din il-miżura għandha tiegħu ammont iċken ta' flus jew tkun limitata fiż-żmien. Jekk wieħed jeħtieġ jiegħu l-miżuri, dawn għandhom ikunu kkalkolati fuq il-bażi tal-introjtu mitluf/kost inkors u mbagħad isiru fuq livell raġonevoli. Ma hemm l-ebda evidenza favur din id-diskriminazzjoni.

Emenda 141

Proposta għal regolament

Anness I – ringiela “Artikolu 32(3)”

Test propost mill-Kummissjoni

32(3)	Pagamenti lil żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra	25	Minimu għal kull ettaru fis-sena
		250(*)	Massimu għal kull ettaru fis-sena
		300(*)	Massimu għal kull ettaru fis-sena fiż-żoni bil-muntanji <i>kif definit fl-Artikolu 46(2)</i>

Emenda

32(3)	Pagamenti lil żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra	25	Minimu għal kull ettaru fis-sena
		250(*)	Massimu għal kull ettaru fis-sena
		350(*)	Massimu għal kull ettaru fis-sena f'żoni bil-

muntanji¹

¹ Ir-rata ta' pahgament għal stabbilimenti agrikoli individwali tista' tkun ogħla minn dan il-massimu jekk il-massimu ma jinqabiżx fil-medja fuq iż-żona kollha kemm hi.

Emenda 142

**Proposta għal regolament
Anness III – Sottoprogrammi 5 u 6 (ġodda)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*It-trattament tal-isfidi ambjentali:
Trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta'
informazzjoni
Servizzi konsultattivi, servizzi ta' ġestjoni
u ta' sostituzzjoni b'rabta mal-azjendi
agrikoli
Miżuri ta' agroambjent u klima
Biedja organika
Pagamenti skont Natura 2000 u d-
Direttiva Qafas dwar l-ilma
Kooperazzjoni
Investiment f'assi fiżiċi
Konservazzjoni ta' sistemi ta' Biedja
b'Valur Naturali Għoli:
Trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta'
informazzjoni
Servizzi konsultattivi, servizzi ta' ġestjoni
u ta' sostituzzjoni b'rabta mal-azjendi
agrikoli
Skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u
l-oġġetti tal-ikel
Miżuri ta' agroambjent u klima
Biedja organika
Pagamenti skont Natura 2000 u d-
Direttiva Qafas dwar l-ilma
It-titjib tal-bijodiversità fiż-żoni rurali
Kooperazzjoni
Investiment f'assi fiżiċi*

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri li ġejjin għandhom ikunu aċċentwati espliċitament bħala dispożizzjonijiet fundamentali għas-sottoprogramm tas-sistemi ta' biedja b'VNGħ skont il-programmi għall-iżvilupp rurali ħalli l-bdiewa jiġu mġhammrin bis-sostenn u l-għodod neċessarji ħalli jkunu jistgħu jippreservaw u jtejbu xi wħud fost is-sistemi taġħna ta' biedja fl-Ewropa li għandhom l-akbar siwi.

Emenda 143

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 1 – tabella – kolonna 1 – ringiela 4

Test propost mill-Kummissjoni

Prijorità 3 tal-Iżvilupp Rurali: il-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina alimentari *u l-ġestjoni ta' riskju* fl-agrikoltura

Emenda

Prijorità 3 tal-Iżvilupp Rurali: il-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina alimentari fl-agrikoltura

Emenda 144

Proposta għal regolament

Anness V – Miżuri 4

Test propost mill-Kummissjoni

Miżuri ta' rilevanza partikolari għall-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel u l-ġestjoni tar-riskju fl-agrikoltura

imħassar

Artikolu 19 L- tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritilu ħsara b'diżastri naturali u naturali u avvenimenti katastrofiċi u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni xierqa

Artikolu 25 Prevenzjoni u l- tal-ħsara lill-foresti minn nirien tal-foresti u diżastri naturali, u l-avvenimenti katastrofiċi

Artikolu 28 Stabbiliment ta' gruppi ta' produttori

Artikolu 34 Benessri tal-Annimali

Artikolu 37 Ġestjoni tar-riskju

Artikolu 38 Assigurazzjoni fuq il-prodotti tar-raba', l-annimali u l-pjanti

Artikolu 39 Fondi mutwi għal mard tal-annimali u tal-pjanti u inċidenti ambjentali

Artikolu 40 Għodda għall-istabilizzazzjoni tad-dħul

Ġustifikazzjoni

L-għan tal-pilastru 2 hu li jidderiġi lill-bdiewa u l-ġesturi tal-art f'żoni rurali lejn sistemi agroekoloġika aħjar u aktar reżiljenti. Il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju jkomplu jnaqqsu l-finanzjament għall-iżvilupp rurali, li hu kruċjali għall-investiment fil-prattiki sostenibbli.

Emenda 145

**Proposta għal regolament
Anness V – taqsima 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 17 Skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

Artikolu 17 Skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

Artikolu 32-33 Pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra

Artikolu 32-33 Pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra

Artikolu 34 Benessri tal-Annimali

Ġustifikazzjoni

Il-bdiewa li jipproduċu b'benessri tajjeb jirrispondu għad-domandi tas-suq u jistgħu jiksibu prezz prim għall-prodotti tagħhom, filwaqt li jtejbu l-kompetittività tagħhom. Jeħtieġu appoġġ għall-konverżjoni għal dawn is-sistemi ta' produzzjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
Referenzi	COM(2011)0627 – C7-0340/2011 – 2011/0282(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 297 25.10.2011
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 25.10.2011
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Karin Kadenbach 14.11.2011
Eżami fil-kumitat	7.5.2012
Data tal-adozzjoni	19.9.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 –: 11 0: 18
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Martina Anderson, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Milan Cabrnoc, Nessa Childers, Esther de Lange, Bas Eickhout, Edite Estrela, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Klauß, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Vladko Todorov Panayotov, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Salvatore Tatarella, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Nikos Chrysogelos, Christofer Fjellner, Jacqueline Foster, Vittorio Prodi, Michèle Rivasi, Marita Ulvskog, Kathleen Van Brempt, Andrea Zanoni